

Il-Ġurnal Uffiċjali L 168

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 66

3 ta' Lulju 2023

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1340 tas-26 ta' Ġunju 2023 li jirreġistra isem fir-Reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("Varaždinsko bučino ulje" (IĠP))** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1341 tat-30 ta' Ġunju 2023 dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni tal-preparati ta' *Lactiplantibacillus plantarum* DSM 12836, *Lactiplantibacillus plantarum* DSM 12837, *Lentilactobacillus buchneri* DSM 16774, *Pediococcus acidilactici* DSM 16243, *Pediococcus pentosaceus* DSM 12834, *Lacticaseibacillus paracasei* DSM 16245, *Levilactobacillus brevis* DSM 12835, *Lacticaseibacillus rhamnosus* NCIMB 30121, *Lactococcus lactis* NCIMB 30160, *Lentilactobacillus buchneri* DSM 12856 u *Lactococcus lactis* DSM 11037 bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1263/2011 ⁽¹⁾** 3
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1342 tat-30 ta' Ġunju 2023 dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni ta' preparat ta' 6-fitażi prodott mill-*Aspergillus oryzae* DSM 33699 bħala addittiv tal-għalf għall-pollam, għall-ħnieżer għat-tismin, għall-qżieqeż miftuma u għall-ħnieżer nisa (detentur tal-awtorizzazzjoni: DSM Nutritional Products Ltd, irrappreżentat minn DSM Nutritional Products Sp. z o.o.) u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 837/2012 ⁽¹⁾** 17
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1343 tat-30 ta' Ġunju 2023 li jipprevedi miżura ta' appoġġ ta' emerġenza għas-setturi taċ-ċereali u taż-żrieragħ żejtnin fil-Bulgarija, fl-Ungerija, fil-Polonja, fir-Rumanija u fis-Slovakkja** 22

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1344 tas-26 ta' Ġunju 2023 b'appoġġ għat-tisħiħ tal-effettività operazzjonali tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW)** 27

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agricoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1345 tas-26 ta' Ġunju 2023 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, fir-rigward tal-emendar tad-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE li tadotta miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE	34
★ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1346 tas-27 ta' Ġunju 2023 li taħtar membru u żewġ membri supplenti, proposti mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Regġuni	36
★ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1347 tas-27 ta' Ġunju 2023 li taħtar membru supplenti, propost mir-Renju tan-Netherlands, fil-Kumitat tar-Regġuni	38
★ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1348 tas-27 ta' Ġunju 2023 li taħtar żewġ membri u membru supplenti, proposti mir-Repubblika Ċeka, fil-Kumitat tar-Regġuni	39
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2023/1349 tat-28 ta' Ġunju 2023 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (EUPOL COPPS/1/2023)	41
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2023/1350 tat-28 ta' Ġunju 2023 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (EU BAM Rafah/1/2023)	43
★ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1351 tas-27 ta' Ġunju 2023 li taħtar membru propost mir-Repubblika Franċiża, fil-Kumitat tar-Regġuni	45
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2023/1352 tat-30 ta' Ġunju 2023 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (EUBAM Libya/1/2023)	46
★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1353 tat-30 ta' Ġunju 2023 li tistabbilixxi indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni biex jitkejjel il-progress fl-ilħuq tal-miri diġitali stabbiliti bl-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	48

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1340

tas-26 ta' Ġunju 2023

li jirreġistra isem fir-Reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("Varaždinsko bučino ulje" (IĠP))

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 50(2)(a), tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, it-talba mill-Kroazja għar-reġistrazzjoni tal-isem "Varaždinsko bučino ulje" ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾.
- (2) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni f'konformità mal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, jenħtieġ għalhekk li l-isem "Varaždinsko bučino ulje" jiġi rreġistrat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-isem "Varaždinsko bučino ulje" (IĠP) huwa rreġistrat.

L-isem imsemmi fl-ewwel subparagrafu jidentifika prodott tal-Klassi 1.5. Żjut u xaħmijiet (butir, marġerina, żejt, eċċ.) tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 ⁽³⁾.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 84, 7.3.2023, p. 9.

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jstabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kummissjoni
Fisem il-President,
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membri tal-Kummissjoni

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1341

tat-30 ta' Ġunju 2023

dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni tal-preparati ta' *Lactiplantibacillus plantarum* DSM 12836, *Lactiplantibacillus plantarum* DSM 12837, *Lentilactobacillus buchneri* DSM 16774, *Pediococcus acidilactici* DSM 16243, *Pediococcus pentosaceus* DSM 12834, *Lacticaseibacillus paracasei* DSM 16245, *Levilactobacillus brevis* DSM 12835, *Lacticaseibacillus rhamnosus* NCIMB 30121, *Lactococcus lactis* NCIMB 30160, *Lentilactobacillus buchneri* DSM 12856 u *Lactococcus lactis* DSM 11037 bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1263/2011

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fin-nutrizzjoni tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti u għat-tiġdid ta' tali awtorizzazzjoni.
- (2) Il-preparati ta' *Lactiplantibacillus plantarum* DSM 12836 (li qabel kien identifikat b'mod tassonomiku bħala *Lactobacillus plantarum* DSM 12836), *Lactiplantibacillus plantarum* DSM 12837 (li qabel kien identifikat b'mod tassonomiku bħala *Lactobacillus plantarum* DSM 12837), *Lentilactobacillus buchneri* DSM 16774 (li qabel kien identifikat b'mod tassonomiku bħala *Lactobacillus buchneri* DSM 16774), *Pediococcus acidilactici* DSM 16243, *Pediococcus pentosaceus* DSM 12834, *Lacticaseibacillus paracasei* DSM 16245 (li qabel kien identifikat b'mod tassonomiku bħala *Lactobacillus paracasei* DSM 16245), *Levilactobacillus brevis* DSM 12835 (li qabel kien identifikat b'mod tassonomiku bħala *Lactobacillus brevis* DSM 12835), *Lacticaseibacillus rhamnosus* NCIMB 30121 (li qabel kien identifikat b'mod tassonomiku bħala *Lactobacillus rhamnosus* NCIMB 30121), *Lactococcus lactis* NCIMB 30160, *Lentilactobacillus buchneri* DSM 12856 (li qabel kien identifikat b'mod tassonomiku bħala *Lactobacillus buchneri* DSM 12856) u *Lactococcus lactis* DSM 11037 ġew awtorizzati għal perjodu ta' 10 snin bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1263/2011 ⁽²⁾.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqu applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni tal-preparati ta' *Lactiplantibacillus plantarum* DSM 12836, *Lactiplantibacillus plantarum* DSM 12837, *Lentilactobacillus buchneri* DSM 16774, *Pediococcus acidilactici* DSM 16243, *Pediococcus pentosaceus* DSM 12834, *Lacticaseibacillus paracasei* DSM 16245, *Levilactobacillus brevis* DSM 12835, *Lacticaseibacillus rhamnosus* NCIMB 30121, *Lactococcus lactis* NCIMB 30160, *Lentilactobacillus buchneri* DSM 12856 u *Lactococcus lactis* DSM 11037 bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali, b'talba biex l-addittivi jiġi kklassifikati fil-kategorija tal-addittivi "addittivi teknoloġiċi" u fil-grupp funzjonali "addittivi tas-silaġġ". Ma' din l-applikazzjoni ntbagħtu d-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 14(2) ta' dak ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1263/2011 tal-5 ta' Diċembru 2011 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' *Lactobacillus buchneri* (DSM 16774), *Lactobacillus buchneri* (DSM 12856), *Lactobacillus paracasei* (DSM 16245), *Lactobacillus paracasei* (DSM 16773), *Lactobacillus plantarum* (DSM 12836), *Lactobacillus plantarum* (DSM 12837), *Lactobacillus brevis* (DSM 12835), *Lactobacillus rhamnosus* (NCIMB 30121), *Lactococcus lactis* (DSM 11037), *Lactococcus lactis* (NCIMB 30160), *Pediococcus acidilactici* (DSM 16243) u *Pediococcus pentosaceus* (DSM 12834) bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċi tal-annimali kollha (ĠU L 322, 6.12.2011, p. 3).

- (4) Fl-opinjoni tagħha tal-5 ta' Mejju 2021 ⁽³⁾· ⁽⁴⁾, tat-23 ta' Ġunju 2021 ⁽⁵⁾· ⁽⁶⁾· ⁽⁷⁾, tad-29 ta' Settembru 2021 ⁽⁸⁾· ⁽⁹⁾· ⁽¹⁰⁾, tal-10 ta' Novembru 2021 ⁽¹¹⁾, tas-26 ta' Jannar 2022 ⁽¹²⁾ u tat-23 ta' Marzu 2022 ⁽¹³⁾, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li l-applikanti pprovdew evidenza li l-addittivi għadhom sikuri għall-ispeċijiet kollha tal-annimali, għall-konsumaturi u għall-ambjent skont il-kundizzjonijiet tal-użu awtorizzati. Ikkonkludiet ukoll li l-preparati mhumiex irritanti tal-ġilda u tal-għajnejn, imma jenħtieġ li jitqiesu bħala sensitizzaturi potenzjali tal-ġilda u respiratorji.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 5(4), il-punt (c) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 378/2005 ⁽¹⁴⁾, il-Laboratorju ta' Referenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 qies li l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet milħuqa fil-valutazzjonijiet preċedenti huma validi u applikabbli għall-applikazzjonijiet attwali.
- (6) Il-valutazzjoni tal-preparati turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif previsti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfati. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni ta' dawk l-addittivi tiġġedded.
- (7) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li jenħtieġ li jittieħdu miżuri protettivi xierqa sabiex jiġu evitati effetti avversi fuq is-saħħa tal-utenti tal-addittiv.
- (8) B'konsegwenza tat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni ta' dawk il-preparati bħala addittivi tal-għalf kif ukoll tal-iskadenza ta' awtorizzazzjoni oħra kkonċernata mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1263/2011, jenħtieġ li dak ir-Regolament jitħassar.
- (9) Peress li r-raġunijiet ta' sikurezza ma jirrikjedux l-applikazzjoni immedjata tal-modifiki fil-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni tal-preparati ta' *Lactiplantibacillus plantarum* DSM 12836, *Lactiplantibacillus plantarum* DSM 12837, *Lentilactobacillus buchneri* DSM 16774, *Lacticaseibacillus paracasei* DSM 16245, *Levilactobacillus brevis* DSM 12835, *Lacticaseibacillus rhamnosus* NCIMB 30121 u *Lentilactobacillus buchneri* DSM 12856, huwa xieraq li jiġi previst perjodu ta' tranżizzjoni biex il-partijiet interessati jħejju ruħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mit-tiġdid tal-awtorizzazzjoni.
- (10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Tiġdid tal-awtorizzazzjoni

L-awtorizzazzjoni tal-preparati speċifikati fl-Anness, li jaqgħu fil-kategorija tal-addittivi "addittivi teknoloġiċi" u l-grupp funzjonali "addittiv tas-silaġġ", huma mġedda soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

⁽³⁾ EFSA Journal 2021;19(6):6626.

⁽⁴⁾ EFSA Journal 2021;19(6):6614.

⁽⁵⁾ EFSA Journal 2021;19(7):6696.

⁽⁶⁾ EFSA Journal 2021;19(7):6697.

⁽⁷⁾ EFSA Journal 2021;19(7):6713.

⁽⁸⁾ EFSA Journal 2021;19(11):6902.

⁽⁹⁾ EFSA Journal 2021;19(11):6900.

⁽¹⁰⁾ EFSA Journal 2021;19(11):6901.

⁽¹¹⁾ EFSA Journal 2022;20(1):6975.

⁽¹²⁾ EFSA Journal 2022;20(2):7148.

⁽¹³⁾ EFSA Journal 2022;20(4):7241.

⁽¹⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 378/2005 tal-4 ta' Marzu 2005 regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dmirijiet u l-ħidmiet tal-Laboratorju ta' Referenza Komunitarju fil-kuntest tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-użu ta' addittivi fl-għalf tal-annimali (ĠU L 59, 5.3.2005, p. 8).

*Artikolu 2***Tħassir**

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1263/2011 jitħassar.

*Artikolu 3***Miżuri tranżizzjonali**

Il-preparati ta' *Lactiplantibacillus plantarum* DSM 12836, *Lactiplantibacillus plantarum* DSM 12837, *Lentilactobacillus buchneri* DSM 16774, *Lacticaseibacillus paracasei* DSM 16245, *Levilactobacillus brevis* DSM 12835, *Lacticaseibacillus rhamnosus* NCIMB 30121 u *Lentilactobacillus buchneri* DSM 12856 speċifikati fl-Anness u l-għalf li jkun fih dawn il-preparati, li jġu mmanifatturati u ttikkettati qabel it-23 ta' Lulju 2024 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel it-23 ta' Lulju 2023 jistgħu jibqgħu jġu introdotti fis-suq u użati sakemm jispiċċaw l-istokkijiet eżistenti.

*Artikolu 4***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU/kg ta' materjal verġni			

Kategorija: addittivi teknoloġiċi. Grupp funzjonali: addittivi tas-silaġġ

1k2078	<i>Lactiplantibacillus plantarum</i> DSM 12836	<p>Kompożizzjoni tal-addittiv</p> <p>Preparat ta' <i>Lactiplantibacillus plantarum</i> DSM 12836 li jkun fih minimu ta' 5×10^{11} CFU/g addittiv</p> <p>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva</p> <p>Ċelloli vijabbli ta' <i>Lactiplantibacillus plantarum</i> DSM 12836</p> <p>Metodu analitiku ⁽¹⁾</p> <p>Enumerazzjoni fl-addittiv tal-għalf ta' <i>Lactiplantibacillus plantarum</i> DSM 12836: — Metodu tat-tifrix fuq agar MRS (EN 15787)</p> <p>Identifikazzjoni ta' <i>Lactiplantibacillus plantarum</i> DSM 12836: — Elettroforeżi fuq Ġell f'Kamp Pulsat (PFGE) jew metodi ta' sekwenzar tad-DNA</p>	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	<ol style="list-style-type: none"> Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin. Kontenut minimu tal-addittiv meta jintuża mingħajr kombinament ma' mikroorganismi oħra bħala addittiv tas-silaġġ: 1×10^8 CFU/kg materjal verġni. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati bi proċeduri u b'miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'taġħmir ta' protezzjoni personali għan-nifs u għall-ġilda. 	23.7.2033
--------	--	--	----------------------------------	---	---	---	---	-----------

⁽¹⁾ Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Addittiv	Kompozzizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU/kg ta' materjal verġni			

Kategorija: addittivi teknoloġiċi. Grupp funzjonali: addittivi tas-silaġġ

1k2079	<i>Lactiplantibacillus plantarum</i> DSM 12837	<p><i>Kompozzizzjoni tal-addittiv</i></p> <p>Preparat ta' <i>Lactiplantibacillus plantarum</i> DSM 12837 li jkun fih minimu ta' 5×10^{11} CFU/g addittiv</p> <p><i>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva</i></p> <p>Ċelloli vijabbli ta' <i>Lactiplantibacillus plantarum</i> DSM 12837</p> <p><i>Metodu analitiku</i> ⁽¹⁾</p> <p>Enumerazzjoni fl-addittiv tal-għalf ta' <i>Lactiplantibacillus plantarum</i> DSM 12837: — Metodu tat-tifrix fuq agar MRS (EN 15787)</p> <p>Identifikazzjoni ta' <i>Lactiplantibacillus plantarum</i> DSM 12837: — Elettroforeżi fuq Ġell f'Kamp Pulsat (PFGE) jew metodi ta' sekwenzjar tad-DNA</p>	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	<ol style="list-style-type: none"> Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin. Kontenut minimu tal-addittiv meta jintuża mingħajr kombinament ma' mikroorganiżmi oħra bħala addittiv tas-silaġġ: 1×10^8 CFU/kg materjal verġni. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati bi proċeduri u b'miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'taġħmir ta' protezzjoni personali għan-nifs u għall-ġilda. 	23.7.2033
--------	--	---	----------------------------------	---	---	---	---	-----------

⁽¹⁾ Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU/kg ta' materjal verġni			

Kategorija: addittivi teknoloġiċi. Grupp funzjonali: addittivi tas-silaġġ

1k2074	<i>Lentilactobacillus buchneri</i> DSM 16774	<p><i>Kompożizzjoni tal-addittiv:</i></p> <p>Preparat ta' <i>Lentilactobacillus buchneri</i> DSM 16774 li jkun fih minimu ta' 5×10^{11} CFU/g addittiv</p> <p><i>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva:</i></p> <p>Ċelloli vijabbli ta' <i>Lentilactobacillus buchneri</i> DSM 16774</p> <p><i>Metodu analitiku</i> ⁽¹⁾</p> <p>Enumerazzjoni fl-addittiv tal-għalf ta' <i>Lentilactobacillus buchneri</i> DSM 16774: — Metodu tat-tifrix fuq agar MRS (EN 15787)</p> <p>Identifikazzjoni ta' <i>Lentilactobacillus buchneri</i> DSM 16774: — Elettroforeżi fuq Ġell f'Kamp Pulsat (PFGE) jew metodi ta' sekwenzjar tad-DNA</p>	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	<ol style="list-style-type: none"> Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin. Kontenut minimu tal-addittiv meta jintuża mingħajr kombinament ma' mikroorganiżmi oħra bħala addittiv tas-silaġġ: 1×10^8 CFU/kg materjal verġni. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati bi proċeduri u b'miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'taġħmir ta' protezzjoni personali għan-nifs u għall-ġilda. 	23.7.2033
--------	--	--	----------------------------------	---	---	---	---	-----------

⁽¹⁾ Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU/kg ta' materjal verġni			

Kategorija: addittivi teknoloġiċi. Grupp funzjonali: addittivi tas-silaġġ

1k2102	<i>Pediococcus acidilactici</i> DSM 16243	<p><i>Kompożizzjoni tal-addittiv</i></p> <p>Preparat ta' <i>Pediococcus acidilactici</i> DSM 16243 li jkun fih minimu ta' 5×10^{11} CFU/g addittiv</p> <p><i>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva</i></p> <p>Ċelloli vijabbli ta' <i>Pediococcus acidilactici</i> DSM 16243</p> <p><i>Metodu analitiku</i> ⁽¹⁾</p> <p>Enumerazzjoni fl-addittiv tal-għalf ta' <i>Pediococcus acidilactici</i> DSM 16243: — Metodu tat-tifrix fuq agar MRS (EN 15786)</p> <p>Identifikazzjoni ta' <i>Pediococcus acidilactici</i> DSM 16243: — Elettroforeżi fuq Ġell f'Kamp Pulsat (PFGE) jew metodi ta' sekwenzjar tad-DNA</p>	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	<ol style="list-style-type: none"> Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin. Kontenut minimu tal-addittiv meta jintuża mingħajr kombinament ma' mikroorganiżmi oħra bħala addittiv tas-silaġġ: 1×10^8 CFU/kg materjal verġni. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati bi proċeduri u b'miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'taġħmir ta' protezzjoni personali għan-nifs u għall-ġilda. 	23.7.2033
--------	---	--	----------------------------------	---	---	---	---	-----------

⁽¹⁾ Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU/kg ta' materjal verġni			

Kategorija: addittivi teknoloġiċi. Grupp funzjonali: addittivi tas-silaġġ

1k2103	<i>Pediococcus pentosaceus</i> DSM 12834	<p><i>Kompożizzjoni tal-addittiv</i></p> <p>Preparat ta' <i>Pediococcus pentosaceus</i> DSM 12834 li jkun fiha minimu ta' 4×10^{11} CFU/g addittiv</p> <p><i>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva</i></p> <p>Ċelloli vijabbli ta' <i>Pediococcus pentosaceus</i> DSM 12834</p> <p><i>Metodu analitiku</i> ⁽¹⁾</p> <p>Enumerazzjoni fl-addittiv tal-għalf ta' <i>Pediococcus pentosaceus</i> DSM 12834: — Metodu tat-tifrix fuq agar MRS (EN 15786) — Identifikazzjoni ta' <i>Pediococcus pentosaceus</i> DSM 12834:</p> <p>Elettroforeżi fuq Ġell f'Kamp Pulsat (PFGE) jew metodi ta' sekwenzar tad-DNA</p>	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	<ol style="list-style-type: none"> Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin. Kontenut minimu tal-addittiv meta jintuża mingħajr kombinament ma' mikroorganiżmi oħra bħala addittiv tas-silaġġ: 1×10^8 CFU/kg materjal verġni. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati bi proċeduri u b'miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'taġħmir ta' protezzjoni personali għan-nifs u għall-ġilda. 	23.7.2033
--------	--	--	----------------------------------	---	---	---	---	-----------

⁽¹⁾ Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Addittiv	Kompozzizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU/kg ta' materjal verġni			

Kategorija: addittivi teknoloġiċi. Grupp funzjonali: addittivi tas-silaġġ

1k2076	<i>Lactiseibacillus paracasei</i> DSM 16245	<p><i>Kompozzizzjoni tal-addittiv</i></p> <p>Preparat ta' <i>Lactiseibacillus paracasei</i> DSM 16245 li jkun fih minimu ta' 5×10^{11} CFU/g addittiv</p> <p><i>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva</i></p> <p>Ċelloli vijabbli ta' <i>Lactiseibacillus paracasei</i> DSM 16245</p> <p><i>Metodu analitiku</i> ⁽¹⁾</p> <p>Enumerazzjoni fl-addittiv tal-għalf ta' <i>Lactiseibacillus paracasei</i> DSM 16245: — Metodu tat-tifrix fuq agar MRS (EN 15787)</p> <p>Identifikazzjoni ta' <i>Lactiseibacillus paracasei</i> DSM 16245: — Elettroforeżi fuq Ġell f'Kamp Pulsat (PFGE) jew metodi ta' sekwenzar tad-DNA</p>	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	<ol style="list-style-type: none"> Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin. Kontenut minimu tal-addittiv meta jintuża mingħajr kombinament ma' mikroorganiżmi oħra bħala addittiv tas-silaġġ: 1×10^8 CFU/kg materjal verġni. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati bi proċeduri u b'miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'taġħmir ta' protezzjoni personali għan-nifs u għall-ġilda. 	23.7.2033
--------	---	--	----------------------------------	---	---	---	---	-----------

⁽¹⁾ Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskriżzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU/kg ta' materjal verġni			

Kategorija: addittivi teknoloġiċi. Grupp funzjonali: addittivi tas-silaġġ

1k20710	<i>Levilactobacillus brevis</i> DSM 12835	<p><i>Kompożizzjoni tal-addittiv</i></p> <p>Preparat ta' <i>Levilactobacillus brevis</i> DSM 12835 li jkun fih minimu ta' 5×10^{11} CFU/g addittiv</p> <p><i>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva</i></p> <p>Ċelloli vijabbli ta' <i>Levilactobacillus brevis</i> DSM 12835</p> <p><i>Metodu analitiku</i> ⁽¹⁾</p> <p>Enumerazzjoni fl-addittiv tal-għalf ta' <i>Levilactobacillus brevis</i> DSM 12835: — Metodu tat-tifrix fuq agar MRS (EN 15787)</p> <p>Identifikazzjoni ta' <i>Levilactobacillus brevis</i> DSM 12835: — Elettroforeżi fuq Ġell f'Kamp Pulsat (PFGE) jew metodi ta' sekwenzjar tad-DNA</p>	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	<ol style="list-style-type: none"> Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin. Kontenut minimu tal-addittiv meta jintuża mingħajr kombinament ma' mikroorganiżmi oħra bħala addittiv tas-silaġġ: 1×10^8 CFU/kg materjal verġni. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati bi proċeduri u b'miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'taġħmir ta' protezzjoni personali għan-nifs u għall-ġilda. 	23.7.2033
---------	---	--	----------------------------------	---	---	---	---	-----------

⁽¹⁾ Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Addittiv	Kompozzizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU/kg ta' materjal verġni			

Kategorija: addittivi teknoloġiċi. Grupp funzjonali: addittivi tas-silaġġ

1k20711	<i>Lactiseibacillus rhamnosus</i> NCIMB 30121	<p><i>Kompozzizzjoni tal-addittiv</i></p> <p>Preparat ta' <i>Lactiseibacillus rhamnosus</i> NCIMB 30121 li jkun fih minimu ta' 4×10^{11} CFU/g addittiv</p> <p><i>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva</i></p> <p>Ċelloli vijabbli ta' <i>Lactiseibacillus rhamnosus</i> NCIMB 30121.</p> <p><i>Metodu analitiku</i> ⁽¹⁾</p> <p>Enumerazzjoni fl-addittiv tal-għalf ta' <i>Lactiseibacillus rhamnosus</i> NCIMB 30121: — Metodu tat-tifrix fuq agar MRS (EN 15787)</p> <p>Identifikazzjoni ta' <i>Lactiseibacillus rhamnosus</i> NCIMB 30121: — Elettroforeżi fuq Ġell f'Kamp Pulsat (PFGE) jew metodi ta' sekwenzar tad-DNA</p>	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	<ol style="list-style-type: none"> Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin. Kontenut minimu tal-addittiv meta jintuża mingħajr kombinament ma' mikroorganiżmi oħra bħala addittiv tas-silaġġ: 1×10^8 CFU/kg materjal verġni. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati bi proċeduri u b'miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'taġħmir ta' protezzjoni personali għan-nifs u għall-ġilda. 	23.7.2033
---------	---	---	----------------------------------	---	---	---	---	-----------

⁽¹⁾ Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU/kg ta' materjal verġni			

Kategorija: addittivi teknoloġiċi. Grupp funzjonali: addittivi tas-silaġġ

1k2082	<i>Lactococcus lactis</i> NCIMB 30160	<p><i>Kompożizzjoni tal-addittiv</i></p> <p>Preparat ta' <i>Lactococcus lactis</i> NCIMB 30160 li jkun fih minimu ta' 4×10^{11} CFU/g addittiv</p> <p><i>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva</i></p> <p>Ċelloli vijabbli ta' <i>Lactococcus lactis</i> NCIMB 30160</p> <p><i>Metodu analitiku</i> ⁽¹⁾</p> <p>Enumerazzjoni fl-addittiv tal-għalf ta' <i>Lactococcus lactis</i> NCIMB 30160: — Metodu tat-tferrigħ fuq agar MRS (ISO 15214)</p> <p>Identifikazzjoni ta' <i>Lactococcus lactis</i> NCIMB 30160: — Elettroforeżi fuq Ġell f'Kamp Pulsat (PFGE) jew metodi ta' sekwenzar tad-DNA</p>	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	<ol style="list-style-type: none"> Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin. Kontenut minimu tal-addittiv meta jintuża mingħajr kombinament ma' mikroorganiżmi oħra bħala addittiv tas-silaġġ: 1×10^8 CFU/kg materjal verġni. Jekk jintuża, il-polietilenglikol (PEG 4000) bħala krijoprotettur, dan għandu jintuża sa konċentrazzjoni massima ta' 0,025 mg/kg ta' silaġġ. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati bi proċeduri u b'miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'taġħmir ta' protezzjoni personali għan-nifs u għall-ġilda. 	23.7.2033
--------	--	--	----------------------------------	---	---	---	---	-----------

⁽¹⁾ Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Addittiv	Kompozzizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU/kg ta' materjal verġni			

Kategorija: addittivi teknoloġiċi. Grupp funzjonali: addittivi tas-silaġġ

1k2075	<i>Lentilactobacillus buchneri</i> DSM 12856	<p><i>Kompozzizzjoni tal-addittiv</i></p> <p>Preparat ta' <i>Lentilactobacillus buchneri</i> DSM 12856 li jkun fih minimu ta' 5×10^{11} CFU/g addittiv</p> <p><i>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva</i></p> <p>Ċelloli vijabbli ta' <i>Lentilactobacillus buchneri</i> DSM 12856</p> <p><i>Metodu analitiku</i> ⁽¹⁾</p> <p>Enumerazzjoni fl-addittiv tal-għalf ta' <i>Lentilactobacillus buchneri</i> DSM 12856: — Metodu tat-tifrix fuq agar MRS (EN 15787)</p> <p>Identifikazzjoni ta' <i>Lentilactobacillus buchneri</i> DSM 12856: — Elettroforeżi fuq Ġell f'Kamp Pulsat (PFGE) jew metodi ta' sekwenzjar tad-DNA</p>	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	<ol style="list-style-type: none"> Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin. Kontenut minimu tal-addittiv meta jintuża mingħajr kombinament ma' mikroorganiżmi oħra bħala addittiv tas-silaġġ: 1×10^8 CFU/kg materjal verġni. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati bi proċeduri u b'miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'taħmir ta' protezzjoni personali għan-nifs u għall-ġilda. 	23.7.2033
--------	--	---	----------------------------------	---	---	---	--	-----------

⁽¹⁾ Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskriżzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU/kg ta' materjal verġni			

Kategorija: addittivi teknoloġiċi. Grupp funzjonali: addittivi tas-silaġġ

1k2081	Lactococcus lactis DSM 11037	<p><i>Kompożizzjoni tal-addittiv</i></p> <p>Preparat ta' <i>Lactococcus lactis</i> DSM 11037 li jkun fiha minimu ta' 5×10^{10} CFU/g addittiv</p> <p><i>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva</i></p> <p>Ċelloli vijabbli ta' <i>Lactococcus lactis</i> DSM 11037</p> <p><i>Metodu analitiku</i> ⁽¹⁾</p> <p>Enumerazzjoni fl-addittiv tal-għalf ta' <i>Lactococcus lactis</i> DSM 11037: — Metodu tat-tferrigħ fuq agar MRS (ISO 15214)</p> <p>Identifikazzjoni ta' <i>Lactococcus lactis</i> DSM 11037: — Elettroforeżi fuq Ġell f'Kamp Pulsat (PFGE) jew metodi ta' sekwenzjar tad-DNA</p>	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	<ol style="list-style-type: none"> Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin. Kontenut minimu tal-addittiv meta jintuża mingħajr kombinament ma' mikroorganiżmi oħra bħala addittiv tas-silaġġ: 1×10^8 CFU/kg materjal verġni. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati bi proċeduri u b'miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'taġħmir ta' pro-tezzjoni personali għan-nifs u għall-ġilda. 	23.7.2033
--------	------------------------------	--	----------------------------------	---	---	---	--	-----------

⁽¹⁾ Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1342

tat-30 ta' Ġunju 2023

dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni ta' preparat ta' 6-fitażi prodott mill-*Aspergillus oryzae* DSM 33699 bħala addittiv tal-għalf għall-pollam, għall-ħnieżer għat-tismin, għall-qżieqeż miftuma u għall-ħnieżer nisa (detentur tal-awtorizzazzjoni: DSM Nutritional Products Ltd, irrappreżentat minn DSM Nutritional Products Sp. z o.o.) u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 837/2012

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fin-nutrizzjoni tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti u għat-tiġdid ta' tali awtorizzazzjoni.
- (2) Il-preparat ta' 6-fitażi prodott mill-*Aspergillus oryzae* DSM 22594 kien awtorizzat għal 10 snin bħala addittiv tal-għalf għall-pollam, għall-ħnieżer għat-tismin, għall-qżieqeż miftuma u għall-ħnieżer nisa bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 837/2012 ⁽²⁾.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqet applikazzjoni għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni tal-preparat ta' 6-fitażi prodott mill-*Aspergillus oryzae* DSM 33699 bħala addittiv tal-għalf għall-pollam, għall-ħnieżer għat-tismin, għall-qżieqeż miftuma u għall-ħnieżer nisa fil-kategorija tal-addittivi "addittivi zootekniki" u fil-grupp funzjonali "sustanzi li jsaħħu d-diġestibbiltà". L-applikazzjoni talbet li tinbidel ir-razza tal-produzzjoni, li tiġi sostitwita r-razza *Aspergillus oryzae* DSM 22594 bir-razza *Aspergillus oryzae* DSM 33699, u kienet akkumpanjata mid-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 14(2) ta' dak ir-Regolament.
- (4) Fl-opinjoni tagħha tat-22 ta' Novembru 2022 ⁽³⁾ l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li r-razza l-ġdida tal-produzzjoni *Aspergillus oryzae* DSM 33699 ma tagħtix lok għal tħassib dwar is-sikurezza u li, skont il-kundizzjonijiet tal-użu proposti, il-preparat ta' 6-fitażi prodott mill-*Aspergillus oryzae* DSM 33699 huwa sikur għall-ispeċijiet fil-mira, għall-konsumaturi u għall-ambjent. Fir-rigward tas-sikurezza għall-utenti meta jimmaniġġjaw il-preparat, minħabba n-nuqqas ta' *data* dwar il-formulazzjonijiet finali, l-Awtorità ma setgħetx tikkonkludi dwar il-potenzjal tal-addittiv li jkun irritant għall-għajnejn jew għall-ġilda jew li jkun sensitizzatur tal-ġilda iżda qieset li l-addittiv huwa sensitizzatur respiratorju. Fl-aħħar nett, l-Awtorità kkonkludiet li l-addittiv għandu l-potenzjal li jkun effikaċji fil-pollam, fil-ħnieżer għat-tismin, fil-qżieqeż miftuma u fil-ħnieżer nisa fil-livell minimu rakkomandat ta' 500 FYT/kg ta' għalf komplet.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 5(4), il-punt (c) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 378/2005 ⁽⁴⁾, il-Laboratorju ta' Referenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 qies li l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet mil-huqa fil-valutazzjonijiet preċedenti huma validi u applikabbli għall-applikazzjonijiet attwali.

⁽¹⁾ ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 837/2012 tat- 18 ta' Settembru 2012 dwar l-awtorizzazzjoni ta' 6-fitażi (nru tal-KE 3.1.3.26) prodotta mill-*Aspergillus oryzae* (DSM 22594) bħala addittiv fl-ikel tat-tjur, tal-ħnienes miftuma, tal-ħnieżer għat-tismin u tal-ħnieżer nisa (id-detentur tal-awtorizzazzjoni huwa DSM Nutritional Products) (ĠU L 252, 19.9.2012, p. 7).

⁽³⁾ *EFSA Journal* 2023;21(1):7698.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 378/2005 tal-4 ta' Marzu 2005 regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dmirijiet u l-ħidmiet tal-Laboratorju ta' Referenza Komunitarju fil-kuntest tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-użu ta' addittivi fl-għalf tal-annimali (ĠU L 59, 5.3.2005, p. 8).

- (6) Il-valutazzjoni tal-preparat ta' 6-fitażi prodott mill-*Aspergillus oryzae* DSM 33699 turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif previst fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfati. Għaldaqstant, l-awtorizzazzjoni ta' dan l-addittiv jenħtieġ li tiġġedded.
- (7) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li jenħtieġ li jittieħdu miżuri protettivi xierqa sabiex jiġu evitati effetti avversi fuq is-saħħa tal-bniedem, b'mod partikolari fir-rigward tal-utenti tal-addittiv.
- (8) Peress li r-raġunijiet ta' sikurezza ma jirrikjedux l-applikazzjoni immedjata tal-modifiki fil-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għal-preparat ikkonċernat, jixraq li jiġi previst perjodu ta' tranżizzjoni biex il-partijiet interessati jħejju ruħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-awtorizzazzjoni.
- (9) Bħala konsegwenza tat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni tal-preparat ta' 6-fitażi prodott mill-*Aspergillus oryzae* DSM 33699 bħala addittiv tal-għalf, jenħtieġ li jitħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 837/2012.
- (10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Tiġdid tal-awtorizzazzjoni

L-awtorizzazzjoni tal-preparat ta' 6-fitażi prodott mill-*Aspergillus oryzae* DSM 33699, li jappartjeni għall-kategorija tal-addittivi "addittivi zootekniki" u mill-grupp funzjonali "sustanzi li jsaħħu d-diġestibbiltà", hija mġedda, soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Tħassir tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 837/2012

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 837/2012 jitħassar.

Artikolu 3

Miżuri tranżizzjonali

1. Il-preparat speċifikat fl-Anness u t-taħlitiet lesti minn qabel li jkun fihom dak il-preparat, li jkunu ġew prodotti u ttikkettati qabel it-23 ta' Jannar 2024 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel it-23 ta' Lulju 2023 jistgħu jibqgħu jiġu introdotti fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw l-istokkijiet eżistenti.

2. L-għalf kompost u l-materjali tal-għalf li jkun fihom il-preparat imsemmi fl-Anness, li jkunu prodotti u ttikkettati qabel it-23 ta' Lulju 2024 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel it-23 ta' Lulju 2023 jistgħu jibqgħu jiġu introdotti fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw l-istokkijiet eżistenti.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						Unitajiet ta' attività/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 %			

Kategorija ta' addittivi zootekniki. Grupp funzjonali: sustanzi li jsaħħu d-diġestibbiltà.

4a18i	DSM Nutritional Products Ltd., irrappreżentata minn DSM Nutritional Products Sp. z o.o.	6-fitażi (EC 3.1.3.26)	<p>Kompożizzjoni tal-addittiv</p> <p>Preparat ta' 6-fitażi (EC 3.1.3.26) prodott mill-<i>Aspergillus oryzae</i> DSM 33699 b'attivita' minima ta':</p> <p>10 000 FYT ⁽¹⁾/g f'għamla solida,</p> <p>20 000 FYT/g f'għamla likwida</p> <p>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva</p> <p>6-fitażi (EC 3.1.3.26) prodotta mill-<i>Aspergillus oryzae</i> DSM 33699</p> <p>Metodu analitiku ⁽²⁾</p> <p>Għall-kwantifikazzjoni tal-attivita' tal-fitażi fl-addittiv tal-għalf: metodu kolorimetriku bbażat fuq ir-reazzjoni enzimatika tal-fitażi fuq il-fitat — VDLUFA 27.1.4;</p> <p>Għall-kwantifikazzjoni tal-attivita' tal-fitażi fit-taħlitiet lesti minn qabel: metodu kolorimetriku bbażat fuq ir-reazzjoni enzimatika tal-fitażi fuq il-fitat — VDLUFA 27.1.3;</p> <p>Għall-kwantifikazzjoni tal-attivita' tal-fitażi fl-għalf kompost: metodu kolorimetriku bbażat fuq ir-reazzjoni enzimatika tal-fitażi fuq il-fitat — EN ISO 30024.</p>	Pollam Qżieqez (miftuma) Ħnieżer għat-tismin Ħnieżer nisa	—	500 FYT	—	<ol style="list-style-type: none"> Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlita lesta minn qabel, għandhom jiġu indikati it-temperatura tal-ħżin, il-ħajja tal-prodott fuq l-ixkaffa u l-istabbiltà għat-trattament bis-sħana. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati bi proċeduri u b'miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'taġġmir ta' protezzjoni personali għan-nifs, għall-għajnejn u għall-ġilda. 	It-23 ta' Lulju 2033
-------	---	------------------------	--	--	---	---------	---	--	----------------------

(¹) 1 FYT huwa l-ammont ta' enzima li tirrilaxxa 1 μ mol kull minuta ta' fosfat mhux organiku mill-fitat f'kundizzjonijiet ta' reazzjoni b'konċentrazzjoni ta' fitat ta' 5,0 mM b'pH ta' 5,5 u 37 °C.

(²) Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1343**tat-30 ta' Ġunju 2023****li jipprevedi miżura ta' appoġġ ta' emerġenza għas-setturi taċ-ċereali u taż-żrieragħ żejtnin fil-Bulgarija, fl-Ungerija, fil-Polonja, fir-Rumanija u fis-Slovakkja**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieġ fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 221(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-gwerra ta' aggressjoni mhux ipprovokata u mhux iġġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna fl-24 ta' Frar 2022 qed ikollha impatt fuq it-trasport tal-merkanzija fil-portijiet Ukreni tal-Baħar l-Iswed li jammontaw għal madwar 90 % tal-esportazzjonijiet Ukreni taċ-ċereali u taż-żrieragħ żejtnija. Kienu meħtieġa b'mod urġenti rotot loġistiċi alternattivi biex jiġu appoġġati l-bdiewa Ukreni, u għas-sigurtà tal-ikel globali u tal-Unjoni, u l-Unjoni ħadet miżuri konkreti biex tiffaċilita l-esportazzjonijiet agrikoli u l-kummerċ ġenerali bilaterali tal-Ukrajna mal-Unjoni deskritti fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni għall-Korsiji ta' Solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna biex jiġu ffaċilitati l-esportazzjonijiet agrikoli tal-Ukrajna u l-kummerċ bilaterali mal-UE ('Korsiji ta' Solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna')"⁽²⁾.
- (2) B'riżultat tal-isforzi konġunti mill-Istati Membri, b'mod partikolari l-Bulgarija, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja, kif ukoll l-Ukrajna, il-Moldova, is-sħab internazzjonali u l-Kummissjoni, il-Korsiji ta' Solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna saru essenzjali għall-ekonomija tal-Ukrajna, u sawru konnettività ġdida mal-Unjoni, li sservi wkoll ta' salvagwardja kontra kriżi tal-ikel globali.
- (3) Filwaqt li nkiseb ħafna titjib, għad fadal għadd ta' ostakli loġistiċi sinifikanti. Għadha ma nbniex biżżejjed l-infrastruttura biex tkun tiflaħ tittratta ż-żieda qawwija tat-traffiku, hemm nuqqas ta' tagħmir għat-trażbordi u l-kapaċità hija skarsa, u r-riżultat ta' dan kollu huwa spejjeż loġistiċi kbar. Il-konnettività tista' tittejjeb permezz ta' koordinazzjoni aħjar tat-tranżitu, it-titjib tal-infrastruttura, u t-tnaqqis tal-ispejjeż ġenerali tal-loġistika, u b'hekk jiġi żgurat li ċ-ċereali u taż-żrieragħ żejtnin mill-Ukrajna jkunu jistgħu jidħlu aktar lejn iċ-ċentru tal-Unjoni, kif ukoll lil hinn minnha skont il-bżonn.
- (4) B'riżultat tal-ispejjeż loġistiċi kbar u tal-konġestjoni deskritti hawn fuq, żdiedu l-importazzjonijiet taċ-ċereali u taż-żrieragħ żejtnin mill-Ukrajna lejn l-Istati Membri qrib l-Ukrajna.
- (5) Din is-sitwazzjoni tagħmel pressjoni fuq il-prezzijiet f'għadd ta' reġjuni fil-Bulgarija, fl-Ungerija, fil-Polonja, fir-Rumanija u fis-Slovakkja. Barra minn hekk, dawn l-importazzjonijiet qegħdin jużaw il-kapaċità tal-ħżin kollha u jokkupaw il-ktajjen loġistiċi. Dawn iċ-ċirkostanzi jaffettwaw il-vijabbiltà ekonomika u l-perspettivi tas-suq tal-bdiewa f'xi reġjuni ta' daww l-Istati Membri. Fl-aħħar mill-aħħar, dan jista' jipperikola t-tħaddim normali tal-Korsiji ta' Solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna.
- (6) Sabiex is-sitwazzjoni ma tkomplex tiddeterjora b'mod rapidu, il-Kummissjoni adottat l-ewwel miżura ta' appoġġ ta' emerġenza mmirata lejn il-bdiewa affettwati fil-Bulgarija, fil-Polonja u fir-Rumanija permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/739 ⁽³⁾, li qieset b'mod partikolari s-sitwazzjoni tal-provvista domestika u l-isfidi loġistiċi f'dawk l-Istati Membri.
- (7) Minħabba l-impatt ekonomiku negattiv kbir fl-Istati Membri kkonċernati, jeħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-miżura ta' appoġġ adottata skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/739 jitwessa' biex ikopri l-Ungerija u s-Slovakkja u li jingħata aktar finanzjament biex tiġi indirizzata aħjar din is-sitwazzjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.⁽²⁾ COM(2022) 217 final.⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/739 tal-4 ta' April 2023 li jipprevedi miżura ta' appoġġ ta' emerġenza għas-setturi taċ-ċereali u taż-żrieragħ żejtnin fil-Bulgarija, fil-Polonja u fir-Rumanija (ĠU L 96, 5.4.2023, p. 80).

- (8) Is-sitwazzjoni tikkostitwixxi problema speċifika skont it-tifsira tal-Artikolu 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Din il-problema speċifika li nħolqot f'għadd limitat ta' reġjuni f'xi Stati Membri tal-Unjoni mhijiex se tissolva billi jittieħdu l-miżuri skont l-Artikolu 219 jew l-Artikolu 220 ta' dak ir-Regolament, minħabba li la hija marbuta b'mod speċifiku ma' tfixkil eżistenti fis-suq jew ma' theddida preċiża tiegħu, u lanqas ma hija marbuta ma' miżuri biex jikkumbattu t-tixrid ta' mard fl-annimali jew it-telf tal-fiduċja tal-konsumaturi minħabba riskji għas-saħħa pubblika, għas-saħħa tal-annimali jew għas-saħħa tal-pjanti. Barra minn hekk, biex ma tkomplix tiggrava l-qagħda tal-vijabbiltà ekonomika tal-bdiewa f'xi reġjuni fil-Bulgarija, fl-Ungerija, fil-Polonja, fir-Rumanija u fis-Slovakkja, is-sitwazzjoni teħtieġ intervent urġenti.
- (9) Għaldaqstant jixraq li għall-perjodu strettament meħtieġ tiġi stabbilita miżura ta' appoġġ ta' emerġenza u li l-Bulgarija, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja jingħataw għotja finanzjarja biex jappoġġaw lill-bdiewa affettwati miż-żieda fl-importazzjonijiet ta' ċereali u ta' żrieragħ żejtnin mill-Ukrajna.
- (10) Jenħtieġ li jiġi stabbilit l-ammont disponibbli għall-Bulgarija, għall-Ungerija, għall-Polonja, għar-Rumanija u għas-Slovakkja, filwaqt li jitqies b'mod partikolari l-piż rispettiv tagħhom fis-settur agrikolu tal-Unjoni, abbażi tal-limiti massimi netti għall-pagamenti diretti stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u t-tkabbir relattiv tal-kummerċ taċ-ċereali u taż-żrieragħ żejtnin f'dawk il-pajjiżi.
- (11) Jenħtieġ li l-Bulgarija, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja jqassmu l-għajjnuna permezz tal-aktar mezzi effettivi abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji li jqisu d-diffikultajiet u l-ħsara ekonomika li qegħdin iġarrbu l-bdiewa li jkabbiru ċ-ċereali u ż-żrieragħ żejtnin fiż-żoni affettwati, filwaqt li jiżguraw li dawn il-bdiewa jkunu l-benefiċjarji aħħarija tal-għajjnuna, u jevitaw li jagħtu lok għal xi distorsjoni fis-suq u fil-kompetizzjoni.
- (12) Billi l-ammont allokat lill-Bulgarija, lill-Ungerija, lill-Polonja, lir-Rumanija u lis-Slovakkja jikkumpensa biss parti mit-telf reali mġarrab mill-bdiewa fir-reġjuni affettwati, jenħtieġ li dawk l-Istati Membri jitħallew jagħtu appoġġ nazzjonali addizzjonali lil dawk il-produtturi, skont il-kundizzjonijiet u fil-limitu ta' żmien stabbilit minn dan ir-Regolament.
- (13) Sabiex il-Bulgarija, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja jingħataw il-flessibbiltà biex iqassmu l-għajjnuna skont il-ħtieġa taċ-ċirkustanzi biex jilqgħu għad-diffikultajiet tal-bdiewa, jenħtieġ li jkunu jistgħu jakkumulaw din l-għajjnuna ma' appoġġ ieħor iffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, mingħajr ma jagħtu kumpens żejded lill-bdiewa.
- (14) Sabiex jiġi evitat kumpens żejded, jenħtieġ li l-Bulgarija, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja jqisu l-appoġġ li jingħata permezz ta' strumenti ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni oħra, jew permezz ta' skemi privati oħra biex jirrispondu għall-impatt taż-żieda tal-importazzjonijiet ta' ċereali u żrieragħ żejtnin mill-Ukrajna fir-reġjuni affettwati.
- (15) Peress li l-għajjnuna tal-Unjoni hija stabbilita bl-euro, u sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi u simultanja, jeħtieġ li tiġi ffixxata data għall-konverżjoni tal-ammont allokat lill-Istati Membri li ma adottawx l-euro bħala l-munita nazzjonali tagħhom, kif inhu l-każ tal-Bulgarija, tal-Ungerija, tal-Polonja u tar-Rumanija. Billi dan ir-Regolament ma jipprevedix skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għall-għajjnuna, jixraq li, għall-finijiet tal-Artikolu 30(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 (**), titqies id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament bħala l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju fir-rigward tal-ammonti stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (16) Għal raġunijiet baġitarji, jenħtieġ li l-Unjoni tiffinanzja n-nefqa mġarrba mill-Bulgarija, mill-Ungerija, mill-Polonja, mir-Rumanija u mis-Slovakkja biss meta tali nefqa ssir sa ċerta data ta' eliġibbiltà.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

(**) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 tas-7 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħrajn, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 95).

- (17) L-appoġġ għal din il-miżura ta' emerġenza jenħtieġ li jitħallas sat-31 ta' Diċembru 2023. Peress li ma għandhomx isiru pagamenti wara t-31 ta' Diċembru 2023, jenħtieġ li l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/127 ma jkunx applikabbli.
- (18) Sabiex l-Unjoni tkun tista' timmonitorja l-effiċjenza ta' din il-miżura ta' emerġenza, jenħtieġ li l-Bulgarija, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja jibagħtu tagħrif dettaljat dwar l-implimentazzjoni tagħha lill-Kummissjoni.
- (19) Sabiex ikun żgurat li l-bdiewa jirċievu l-ghajjnuna malajr kemm jista' jkun, jenħtieġ li l-Bulgarija, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja jkunu jistgħu jimplimentaw dan ir-Regolament mingħajr dewmien. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (20) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-ghajjnuna tal-Unjoni ta' ammont totali ta' EUR 100 000 000 għandha tkun disponibbli għall-Bulgarija, għall-Ungerija, għall-Polonja, għar-Rumanija u għas-Slovakkja, biex jingħata appoġġ eċċezzjonali lill-bdiewa li jipproduċu ċ-ċereali u ż-żrieragħ żejtnin imsemmija fl-Anness soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.
2. Il-Bulgarija, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja għandhom jużaw l-ammonti msemmija fl-Artikolu 2 għall-miżuri li għandhom l-għan li jikkumpensaw lill-bdiewa għat-telf ekonomiku minħabba żieda fl-importazzjonijiet ta' ċereali u ta' żrieragħ żejtnin mill-Ukrajna fir-reġjuni affettwati.
3. Il-miżuri għandhom jittieħdu abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji li jqisu t-telf ekonomiku mġarrab mill-bdiewa affettwati u jiżguraw li l-pagamenti li jirriżultaw ma jikkawżaw ebda distorsjoni fis-suq jew fil-kompetizzjoni.
4. In-nefqa mġarrba mill-Bulgarija, mill-Ungerija, mill-Polonja, mir-Rumanija u mis-Slovakkja fir-rigward tal-pagamenti għall-miżuri msemmija fil-paragrafu 2 għandhom ikunu eliġibbli għall-ghajjnuna tal-Unjoni biss jekk daww il-pagamenti jkunu saru sat-31 ta' Diċembru 2023.
5. Għall-finijiet tal-Artikolu 30(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju b'rabta mal-ammonti stipulati fl-Artikolu 2(1) għandu jkun id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
6. Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jistgħu jiġu akkumulati ma' appoġġ ieħor iffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

Artikolu 2

1. In-nefqa tal-Unjoni li tiġġarrab f'konformità mal-Artikolu 1 ma għandhiex taqbeż l-ammont totali ta':
 - (a) EUR 9 770 000 għall-Bulgarija;
 - (b) EUR 15 930 000 għall-Ungerija;
 - (c) EUR 39 330 000 għall-Polonja;
 - (d) EUR 29 730 000 għar-Rumanija;
 - (e) EUR 5 240 000 għas-Slovakkja.
2. Il-Bulgarija, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja jistgħu jagħtu għajjnuna nazzjonali addizzjonali għall-miżuri meħuda skont l-Artikolu 1 sa massimu ta' 200 % tal-ammont korrispondenti stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, dment li l-pagamenti li jirriżultaw ma jikkawżaw distorsjonijiet fis-suq jew fil-kompetizzjoni.
3. Il-Bulgarija, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja għandhom iħallsu l-appoġġ addizzjonali msemmi fil-paragrafu 2 sat-31 ta' Diċembru 2023.

Artikolu 3

Sabiex jiġi evitat kumpens żejjed, meta jingħata l-appoġġ skont dan ir-Regolament, il-Bulgarija, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja għandhom iqisu l-appoġġ mogħti permezz ta' strumenti oħra ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni, jew permezz ta' skemi privati, biex jirrispondu għall-impatt ta' żieda fl-importazzjonijiet ta' ċereali u ta' żrieragħ żejtnin mill-Ukrajna fir-reġjuni affettwati.

Artikolu 4

1. Mingħajr dewmien u mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2023, il-Bulgarija, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dan li ġej:

- (a) deskrizzjoni tal-miżuri li se jittieħdu;
- (b) il-kriterji li jkunu ntużaw biex jiġu ddeterminati l-metodi għall-kalkolu tal-għotja tal-ghajjnuna, u r-raġunamenti li ddeċidew it-tqassim tal-ghajjnuna fost il-bdiewa;
- (c) l-impatt maħsub tal-miżuri bil-għan li jiġu kkumpensati l-bdiewa minn telf ekonomiku kkawżat mill-importazzjonijiet ta' ċereali u ta' żrieragħ żejtnin mill-Ukrajna;
- (d) l-azzjonijiet li ttieħdu biex jiġi vverifikat li jinkiseb l-impatt mixtieq tal-miżuri;
- (e) l-azzjonijiet li ttieħdu biex jiġu evitati d-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-kumpens żejjed;
- (f) il-previżjoni għall-pagamenti tan-nefqa tal-Unjoni mqassma fuq kull xahar sat-31 ta' Diċembru 2023;
- (g) il-livell ta' appoġġ addizzjonali mogħti skont l-Artikolu 2(2);
- (h) l-azzjonijiet meħuda biex tiġi vverifikata l-eliġibbiltà tal-bdiewa u biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

2. Sa mhux aktar tard mill-15 ta' Mejju 2024, il-Bulgarija, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-ammonti totali li jkunu ħallsu għal kull miżura, fejn japplika mqassma skont l-ghajjnuna tal-Unjoni u l-ghajjnuna nazzjonali addizzjonali, l-għadd u t-tip ta' benefiċjarji u l-valutazzjoni tal-effettività tal-miżura.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

LISTA TAL-PRODOTTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1(1)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
1001	Qamħ u meslin
1002	Segala
1003	Xgħir
1004	Ħafur
1005	Qamħirrum
1008 60	Tritikal
—	Taħlitiet ta' prodotti bil-kodiċijiet NM 1001, 1002, 1003, 1004, 1005 u 1008 60
1205	Żerriegħa tal-lift jew tal-kolza, kemm jekk imkissra u kemm jekk le
1206	Żerriegħa tal-ġirasol, kemm jekk imkissra u kemm jekk le

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/1344

tas-26 ta' Ġunju 2023

b'appoġġ għat-tisħiħ tal-effettività operazzjonali tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' Diċembru 2003, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva ("l-Istrateġija tal-UE").
- (2) L-Istrateġija tal-UE tissottolinja r-rwol kruċjali tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produzzjoni, il-Ħażna u l-Użu ta' Armi Kimiċi u dwar il-Qerda tagħhom (is-"CWC") u tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (l-"OPCW") fil-ħolqien ta' dinja ħielsa mill-armi kimiċi. Bħala parti mill-Istrateġija tal-UE, l-Unjoni impenjat ruħha li taħdem biex tikseb l-aderenza universali għal trattati u ftehimiet ewlenin dwar id-diżarm u n-nonproliferazzjoni, inkluż is-CWC.
- (3) Mill-2004, l-UE appoġġat l-attivitajiet tal-OPCW permezz tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/569/PESK ⁽¹⁾, 2012/166/PESK ⁽²⁾, (PESK) 2015/259 ⁽³⁾, (PESK) 2019/538 ⁽⁴⁾, (PESK) 2021/1026 ⁽⁵⁾, u (PESK) 2021/2073 ⁽⁶⁾ u l-Azzjonijiet Konġunti tal-Kunsill 2004/797/PESK ⁽⁷⁾, 2005/913/PESK ⁽⁸⁾, u 2007/185/PESK ⁽⁹⁾.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/569/PESK tas-27 ta' Lulju 2009 dwar appoġġ għal attivitajiet tal-OPCW fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 197, 29.7.2009, p. 96).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/166/PESK tat-23 ta' Marzu 2012 b'appoġġ għall-attivitajiet tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 87, 24.3.2012, p. 49).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/259 tas-17 ta' Frar 2015 b'appoġġ għall-attivitajiet tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 43, 18.2.2015, p. 14).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/538 tal-1 ta' April 2019 b'appoġġ għall-attivitajiet tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 93, 2.4.2019, p. 3).

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1026 tal-21 ta' Ġunju 2021 b'appoġġ għall-Programm dwar iċ-Ċibersigurtà u r-Reżiljenza Ċibernetika u l-Assigurazzjoni tal-Infurmazzjoni tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 224, 24.6.2021, p. 24).

⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2073 tal-25 ta' Novembru 2021 b'appoġġ għat-tisħiħ tal-effettività operazzjonali tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) permezz tal-immagna bis-satellita (ĠU L 421, 26.11.2021, p. 65).

⁽⁷⁾ L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/797/PESK tat-22 ta' Novembru 2004 dwar appoġġ għal attivitajiet tal-OPCW fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda tal-Massa (ĠU L 349, 25.11.2004, p. 63).

⁽⁸⁾ L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/913/PESK tat-12 ta' Diċembru 2005 dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-OPCW fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda tal-Massa (ĠU L 331, 17.12.2005, p. 34).

⁽⁹⁾ L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/185/PESK tad-19 ta' Marzu 2007 dwar appoġġ għal attivitajiet tal-OPCW fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Distruzzjoni Massiva (ĠU L 85, 27.3.2007, p. 10).

- (4) It-tkomplija tal-għoti ta' assistenza intensiva u mmirata bħal din min-naħa tal-Unjoni għall-OPCW hi meħtieġa fil-kuntest tal-implimentazzjoni attiva tal-Kapitolu III tal-Istrateġija tal-UE. B'mod partikolari, hemm hteġġa għal aktar attivitajiet biex tissaħħaħ l-effettività operazzjonali tal-OPCW u l-kapaċità tal-Istati parti għas-CWC biex iwettqu l-obbligi tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tadotta din id-Deċiżjoni sabiex ttipprovdi dik l-assistenza.
- (5) Jenħtieġ li s-Segretarjat Tekniku tal-OPCW jiġi fdat bl-implimentazzjoni teknika tal-attivitajiet li jridu jitwettqu taħt din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Bil-ħsieb tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva, l-UE għandha tappoġġa l-implimentazzjoni u l-universalizzazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produzzjoni, il-Ħażna u l-Użu ta' Armi Kimiċi u dwar il-Qerda tagħhom (is-"CWC") permezz ta' azzjoni operazzjonali.
2. L-azzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkollha l-oġġettivi li ġejjin:
 - (a) li tivverifika l-eliminazzjoni tal-ħażniet ta' armi kimiċi u l-faċilitajiet ta' produzzjoni ta' armi kimiċi soġġett għall-miżuri ta' verifika previsti fis-CWC;
 - (b) li tipprevjeni li terġa' titfaċċa t-theddida tal-użu tal-armi kimiċi kif ukoll it-tnaqqis tagħha;
 - (c) li tirrispondi b'mod effettiv u kredibbli għall-użu tal-armi kimiċi u l-allegazzjonijiet tagħhom;
 - (d) li tiżgura t-tħejjija permezz tal-għoti ta' assistenza u protezzjoni kontra l-armi kimiċi, l-użu tagħhom, jew it-theddida tal-użu tagħhom f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu X tas-CWC;
 - (e) li tippromwovi l-użi paċifiki tal-kimika fl-ekonomija u l-iżvilupp teknoloġiku permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam ta' attivitajiet kimiċi għal finijiet mhux projbiti mis-CWC;
 - (f) li taħdem lejn aderenza universali mas-CWC; u
 - (g) li tiżgura li l-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (l-"OPCW") tibqa' adatta għall-iskop tagħha biex tiffaċċa l-isfidi u l-oportunitajiet iġġenerati mill-progress fix-xjenza u t-teknoloġija.
3. Deskrizzjoni dettaljata tal-azzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
2. L-implimentazzjoni teknika tal-azzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha titwettaq mis-Segretarjat Tekniku tal-OPCW.
3. L-OPCW għandha twettaq il-kompitu msemmi fil-paragrafu 2 taħt is-superviżjoni tar-Rappreżentant Għoli. Għal dak il-fini, ir-Rappreżentant Għoli għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mal-OPCW.

Artikolu 3

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-azzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandu jkun ta' EUR 5 350 000.
2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont ta' referenza stabbilit fil-paragrafu 1 għandu jkun amministrat f'konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni korretta tan-nefqa ffinanzjata mill-ammont ta' referenza msemmi fil-paragrafu 1. Għal dak il-fini, hija għandha tikkonkludi ftehim ta' kontribuzzjoni mal-OPCW. Il-ftehim ta' kontribuzzjoni għandu jistipula li l-OPCW għandha tiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, b'mod adatt skont id-daqs tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel hilita biex tikkonkludi l-ftehim imsemmi fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim.

Artikolu 4

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jirrapporta lura lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi tar-rapporti regolari tal-OPCW. Ir-rapporti tar-Rappreżentant Għoli għandhom jiffurmaw il-bażi għall-evalwazzjoni mwettqa mill-Kunsill.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tal-implimentazzjoni tal-azzjoni msemmija fl-Artikolu 1.

Artikolu 5

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 36 xahar wara l-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(3). Madankollu, għandha tiskadi sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha jekk ma jkun ġie konkluż ebda ftehim f'dak il-perjodu.

Magħmul fil-Lussemburgu, fis-26 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES

ANNEX

Appoġġ tal-Unjoni Ewropea għat-Tisħiħ tal-Effettività Operazzjonali tal-OPCW - UE 2023**1. Kuntest**

F'Diċembru 2003, l-Unjoni Ewropea (UE) adottat l-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (Strateġija tal-UE), li fiha rrikonossiet it-theddida kkawżata mill-armi ta' qerda massiva għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali. L-Istrateġija tal-UE tissottolinja r-rwol kruċjali tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi ("CWC") u tal-OPCW fil-ħolqien ta' dinja ħielsa mill-armi kimiċi. L-oġġettivi tal-Istrateġija tal-UE huma komplementari għal dawk tas-CWC. L-UE u l-OPCW, sa mill-adozzjoni tal-Istrateġija tal-UE, fittxew il-kooperazzjoni inkluż l-impenn permezz ta' sensiela ta' Azzjonijiet Konġunti u Deċiżjonijiet tal-Kunsill⁽¹⁾.

L-OPCW irċeviet appoġġ konsistenti tal-UE fl-implimentazzjoni tal-mandat tagħha, li jirrifletti impenn li jkompli għall-implimentazzjoni sħiħa tas-CWC, b'EUR 38.2 miljun ta' kontribuzzjonijiet volontarji permezz tal-baġit tal-Politika Ewropea ta' Sigurtà Komuni ("PESK") ipprovdut sa mill-2004. L-OPCW tilqa' l-impenn li jibqa' għaddej tal-UE li tappoġġa lill-OPCW fl-isforzi tagħha biex tilħaq l-għan tal-Konvenzjoni - dinja ħielsa mill-armi kimiċi, u b'hekk tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali. Barra minn hekk, filwaqt li tirrikonoxxi sfidi emerġenti, l-OPCW tilqa' wkoll l-interess kontinwu tal-UE fit-tisħiħ tal-appoġġ tagħha lit-timijiet tekniċi tal-OPCW meta tipprovi assistenza lill-Istati Parti skont il-Konvenzjoni, kif meħtieġ, fl-implimentazzjoni attiva tal-Kapitolu II u III tal-Istrateġija tal-UE.

Ambjent ta' sigurtà internazzjonali dinamiku jagħmel il-missjoni tal-OPCW rilevanti daqs qatt qabel. Il-Ħames Konferenza ta' Reviżjoni li jmiss, l-istadju importanti imminenti tal-qerda sħiħa tal-ħażniet ta' armi kimiċi ddikjarati, kif ukoll il-ftuħ ta' Ċentru l-għdid għall-Kimika u t-Teknoloġija (CCT) jippreżentaw kemm opportunitajiet kif ukoll sfidi għall-OPCW. Biex l-Organizzazzjoni żżomm ir-rilevanza tagħha fil-fażi ta' wara l-qerda, l-impenn strateġiku huwa kritiku. Is-sħubija u l-appoġġ permezz tal-baġit tal-Politika Ewropea ta' Sigurtà Komuni (PESK) tal-UE wrew li huma strumentali biex jassistu lill-OPCW fil-promozzjoni u l-implimentazzjoni tal-oġġettivi ewlenin tagħha, u dan jimplifika wkoll l-impatt tal-attivitajiet tal-OPCW.

2. Għan tal-Proġett**2.1 Oġġettivi Ġenerali tal-Proġett**

L-oġġettiv ġenerali tal-proġett huwa li tiġi żgurata l-kapaċità tas-Segretarjat li jiffaċilita u jtejjeb l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni mill-Istati Parti. Tali appoġġ jikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali permezz tal-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tal-OPCW. Jgħin ukoll biex iwaqqaf milli jerġġhu jiffaċċaw armi kimiċi, filwaqt li jippromwovi l-użi paċifiċi tal-kimika. L-implimentazzjoni tal-proġett, kull fejn applikabbli fl-attivitajiet proposti, ser tagħti kunsiderazzjoni xierqa lid-diversità tal-ġeneru.

2.2 Għanijiet Speċifiċi

- Verifika tal-eliminazzjoni tal-ħażniet ta' armi kimiċi u l-faċilitajiet ta' produzzjoni ta' armi kimiċi soġġett għall-miżuri ta' verifika previsti fis-CWC;
- Prevenzjoni li terġa' titfaċċa t-theddida tal-użu kif ukoll it-tnaqqis tagħha permezz tan-nonproliferazzjoni ta' armi kimiċi, bl-applikazzjoni tal-miżuri ta' verifika u ta' implimentazzjoni previsti fil-Konvenzjoni, li jservu wkoll biex jibnu l-fiduċja bejn l-Istati Parti;
- Rispons effettiv u kredibbli għall-użu ta' armi kimiċi u l-allegazzjonijiet tagħhom;
- L-iżgurar tat-tnejn permezz tal-għoti ta' assistenza u protezzjoni kontra armi kimiċi, l-użu tagħhom, jew it-theddida tal-użu f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu X tas-CWC;

⁽¹⁾ Inkluż l-Azzjoni Konġunta 2004/797/CFSP (skaduta); l-Azzjoni Konġunta 2005/913/PESK (skaduta); l-Azzjoni Konġunta 2007/185/PESK (skaduta); id-Deċiżjoni 2009/569/PESK (skaduta); l-Azzjoni Konġunta 2012/166/PESK (skaduta); id-Deċiżjoni 2015/259 (estiża bid-Deċiżjoni 2018/294 u skaduta); id-Deċiżjoni 2017/2302 (estiża bid-Deċiżjoni 2019/1092, skaduta); id-Deċiżjoni 2017/2303 (estiża bid-Deċiżjoni 2018/1943 u d-Deċiżjoni 2019/2112, skaduta); id-Deċiżjoni 2019/538 (fis-seħħ sa April 2023); id-Deċiżjoni 2021/1026 (fis-seħħ sa Awgust 2023), u d-Deċiżjoni 2021/2073 (fis-seħħ sa Diċembru 2025).

- Promozzjoni ta' użi paċifiki tal-kimika fl-iżvilupp ekonomiku u teknoloġiku permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam ta' attivitajiet kimiċi għal finijiet mhux projbiti mis-CWC, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu XI tas-CWC;
- Ħidma għal aderenza universali mas-CWC; u
- L-iżgurar ta' sforzi sostantivi għall-bini tal-kapaċitajiet, kif ukoll Organizzazzjoni li tibqa' xierqa għall-iskop tagħha biex tilqa' l-isfidi u l-opportunitajiet li joħloq il-progress fix-xjenza u t-teknoloġija.

2.3 Riżultati Mixtieqa

Ir-riżultati mixtieqa li l-Proġett ser jikkontribwixxi għalihom huma kif ġej:

- Rispons effettiv għall-iżviluppi fix-xjenza u t-teknoloġija biex tissaħħaħ is-sistema ta' verifika tal-OPCW;
- Prevenzjoni li titfaċċa mill-ġdid it-theddida tal-użu tal-armi kimiċi u l-ġlieda kontra/it-tnaqqis tagħha;
- Risponsi effettivi għal allegazzjonijiet ta' użu ta' armi kimiċi;
- Kapaċitajiet imsaħħa tal-Istati Parti biex iħarsu l-obbligi tal-Artikolu X;
- Tisħiħ tat-tmexxija dinjija u l-leħen awtorevoli tal-OPCW dwar in-nonproliferazzjoni u d-diżarm tal-armi kimiċi; u
- Promozzjoni ta' żieda fl-aderenza mas-CWC.

3. Deskrizzjoni tal-Attivitajiet

Attivitajiet relatati mar-Riżultat 1 - Rispons effettiv għall-iżviluppi fix-xjenza u t-teknoloġija biex tissaħħaħ is-sistema ta' verifika tal-OPCW

Dawn l-attivitajiet ser jikkonċentraw fuq l-operazzjonalizzazzjoni tal-attivitajiet tas-Segretarjat bl-użu ta' Ċentru tal-Kimika u t-Teknoloġija (CCT) integrat u adattat għall-iskop tiegħu; l-ġhoti ta' pjattaforma għal involviment usa' dwar il-kapaċitajiet u l-użi paċifiki tal-kimika bħal, fost l-oħrajn, ġemellaġġ ta' laboratorji, taħriġ fil-laboratorji, riċerka xjentifika (eż. l-iżvilupp ta' metodoloġiji tal-laboratorji forensiċi); it-tisħiħ tat-tħejjija tal-OPCW biex tindirizza l-progress fix-xjenza u t-teknoloġija inkluż permezz tal-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet ta' prijorità magħżula mill-Bord Xjentifiku u Konsultattiv tal-OPCW; u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet operazzjonali tal-OPCW għat-tħejjijiet u l-iskjeramenti ta' missjonijiet bħall-ittestjar, il-validazzjoni u t-taħriġ ta' teknoloġiji/tagħmir ġodda.

Attivitajiet relatati mar-Riżultat 2 - Prevenzjoni li titfaċċa mill-ġdid it-theddida tal-użu tal-armi kimiċi u l-ġlieda kontra/it-tnaqqis tagħha

Dawn l-attivitajiet ser jikkonċentraw fuq li jsaħħu l-kapaċitajiet tal-Istati Parti u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra biex iwiegħbu għat-theddida tal-armi kimiċi permezz ta' taħriġ u workshops dedikati relatati fost l-oħrajn mal-kapaċitajiet tal-ewwel rispons u l-kontroll fuq il-fruntiera; jippermettu l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet prijoritarji magħżula minn fost l-oħrajn il-Grupp ta' Ħidma Miftuħ dwar it-Terroriżmu, inkluż permezz ta' eżerċizzji ta' simulazzjoni; u jespandu l-involvement mal-industrija u l-kummerċ tas-sustanzi kimiċi permezz ta' mekkaniżmi ta' koordinazzjoni bħal gruppi ta' ħidma u kumitati tal-IUPAC.

Attivitajiet relatati mar-Riżultat 3 - Reazzjonijiet effettivi għal allegazzjonijiet ta' użu ta' armi kimiċi

Dawn l-attivitajiet ser jikkonċentraw fuq it-tisħiħ tal-miżuri ta' verifika rilevanti u l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet applikabbli (fost l-oħrajn EC-M-33/DEC.1; UNSC-R2118 (2013), C-SS-4/DEC.3, EC-94/DEC.2, u C-25/DEC.9) dwar l-indirizzar tat-theddida mill-użu tal-armi kimiċi; kif ukoll aktar żvilupp tal-kapaċitajiet ta' rispons għat-talbiet tal-Istati Parti għal assistenza marbuta ma' allegazzjonijiet ta' użu.

Attivitajiet relatati mar-Riżultat 4 - Kapaċitajiet imsaħħa tal-Istati Parti biex iħarsu l-obbligi tal-Artikolu X

Dawn l-attivitajiet ser ikollhom l-għan, skont ir-rekwiżiti rilevanti tal-Artikolu X dwar l-Assistenza u l-Protezzjoni, li jżidu l-kapaċitajiet ta' rispons tal-Istati Parti; itejbu l-ippjanar tal-protezzjoni nazzjonali; u jintensifikaw l-effetti ta' deterrenza bħal permezz ta' appoġġ għat-tħejjijiet CBRNE għal avvenimenti pubbliċi ewlenin.

Attivitajiet relatati mar-Riżultat 5 - Tisħiħ tat-tmexxija dinjija u l-leħen awtorevoli tal-OPCW dwar in-nonproliferazzjoni u d-diżarm tal-armi kimiċi

Dawn l-attivitajiet ser isaħħu r-rwol tal-OPCW fil-promozzjoni tal-użi paċifiċi u awtorizzati tal-kimika għat-tkabbir ta' udjenzi differenti permezz ta' għodod online dedikati; l-espansjoni tal-involvement ma' partijiet ikkonċernati esterni bħannisa, iż-żgħażaġħ, u l-eżekuttivi; l-immirar ta' udjenzi għal sforzi speċjalizzati ta' bini tal-kapaċitajiet fost l-oħrajn is-soċjetà ċivili u l-NGOs; u aktar żvilupp u implimentazzjoni ta' sħubija aktar fil-fond bejn l-OPCW u l-UE.

Attivitajiet relatati mar-Riżultat 6 - Promozzjoni ta' aderenza akbar mas-CWC

Dawn l-attivitajiet ser jappoġġaw l-isforzi tal-OPCW biex taħdem għal sħubija sħiħa ta' kwalunkwe wieħed mill-erba' Stati li fadal li mħumiex Parti għall-Konvenzjoni jew tagħhom kollha. Jiżguraw aktar il-kapaċità u t-tħejjijiet tal-OPCW permezz tal-ġenerazzjoni ta' xenarji, u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-għodod tas-Segretarjat biex tissaħħaħ l-implimentazzjoni tas-sistema ta' verifika tal-Konvenzjoni f'każ ta' adeżjoni ta' stat pussessur.

4. Benefiċjarji

Benefiċjarji ta' attivitajiet taħt ir-Riżultat 1:

Persunal u timijiet tas-Segretarjat tal-OPCW; u partijiet ikkonċernati tas-CWC inkluż fost l-oħrajn Stati Parti, Awtoritajiet Nazzjonali, is-Soċjetà Ċivili, Unitajiet tal-Protezzjoni Ċivili, Universitajiet, Laboratorji Sħab, Organizzazzjonijiet Internazzjonali u Intergovernattivi, il-pubbliku.

Benefiċjarji ta' attivitajiet taħt ir-Riżultat 2

Persunal u timijiet tas-Segretarjat tal-OPCW; u partijiet ikkonċernati tas-CWC inkluż fost l-oħrajn Stati Parti, Awtoritajiet Nazzjonali, Industrija, Organizzazzjonijiet Internazzjonali u Intergovernattivi u l-pubbliku.

Benefiċjarji ta' attivitajiet taħt ir-Riżultat 3

Persunal u timijiet tas-Segretarjat tal-OPCW; u partijiet ikkonċernati tas-CWC inkluż fost l-oħrajn Stati Parti, Awtoritajiet Nazzjonali, Organizzazzjonijiet Internazzjonali u Intergovernattivi, u l-pubbliku.

Benefiċjarji ta' attivitajiet taħt ir-Riżultat 4

Partijiet ikkonċernati tas-CWC inkluż fost l-oħrajn Stati Parti, Awtoritajiet Nazzjonali, Unitajiet ta' Protezzjoni Ċivili, u l-pubbliku.

Benefiċjarji ta' attivitajiet taħt ir-Riżultat 5

Persunal u timijiet tas-Segretarjat tal-OPCW; u partijiet ikkonċernati tas-CWC inkluż fost l-oħrajn Stati Parti, Awtoritajiet Nazzjonali, is-Soċjetà Ċivili, Universitajiet, u l-pubbliku.

Benefiċjarji ta' attivitajiet taħt ir-Riżultat 6

Persunal u timijiet tas-Segretarjat tal-OPCW; u partijiet interessati tas-CWC inklużi Stati Parti u *Stati mhux Parti għall-Konvenzjoni*.

5. Tul ta' żmien

L-Azzjoni ser tiġi implimentata matul perjodu ta' 36 xahar, ħliet l-Attivitajiet taħt ir-Riżultat 3, li ser jiġu implimentati fi żmien 12-il xahar.

6. Entità Implimentattiva

L-implimentazzjoni teknika tal-attivitajiet proposti hawn fuq għandha titwettaq mis-Segretarjat tal-OPCW. Ir-responsabbiltà aħħarija rigward l-implimentazzjoni ta' dawn l-attivitajiet vis-à-vis il-Kummissjoni għandha tkun fidejn l-OPCW.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/1345

tas-26 ta' Ġunju 2023

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, fir-rigward tal-emendar tad-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE li tadotta miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ⁽¹⁾ ("il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE") ġie ffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2003. F'konformità mad-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE ⁽²⁾ ('id-deċiżjoni dwar miżuri tranżizzjonali'), huwa għandu jiġi applikat sat-30 ta' Ġunju 2023.
- (2) Skont l-Artikolu 95(4), l-ewwel subparagrafu, tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, in-negożjati għal Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ġdid (il-"Ftehim il-ġdid") tnedew f'Settembru 2018. Il-Ftehim il-ġdid mhux ser ikun lest biex jiġi applikat sat-30 ta' Ġunju 2023, id-data tal-iskadenza tal-qfas leġali attwali. Għaldaqstant huwa neċessarju li tiġi emendata d-deċiżjoni dwar il-miżuri tranżizzjonali sabiex tiġi estiża ulterjorment l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE.
- (3) L-Artikolu 95(4), it-tieni subparagrafu, tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE jipprevedi li l-Kunsill tal-Ministri tal-AKP-UE jadotta kwalunkwe miżura tranżizzjonali li tista' tkun meħtieġa sakemm il-Ftehim il-ġdid jidħol fis-seħħ.
- (4) Skont l-Artikolu 15(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, fit-23 ta' Mejju 2019, il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE ddelega s-setgħat ta' adozzjoni ta' miżuri tranżizzjonali lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE ⁽³⁾. Għaldaqstant huwa l-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE li għandu jemenda l-miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, peress li l-att previst ser jorbot lill-Unjoni.
- (6) Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ser jibqgħu jiġu applikati bil-għan li tinżamm il-kontinwità fir-relazzjonijiet ta' bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati AKP, min-naħa l-oħra. Għaldaqstant, il-miżuri tranżizzjonali emendati mhumix maħsuba bħala emendi għall-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE kif previst fl-Artikolu 95(3) tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3. Il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ġie emendat mill-Ftehim iffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27) u mill-Ftehim iffirmat f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 (ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-17 ta' Diċembru 2019 li tadotta miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE (ĠU L 1, 3.1.2020, p. 3).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni Nru 1/2019 tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE tat-23 ta' Mejju 2019 dwar id-delega tas-setgħat lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE dwar id-deċiżjoni li jiġu adottati miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE (ĠU L 146, 5.6.2019, p. 114).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, għandha tkun li tiġi emendata d-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE sabiex l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE tiġi estiża sal-31 ta' Ottubru 2023, jew sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim il-ġdid jew l-applikazzjoni proviżorja bejn l-Unjoni u l-Istati tal-AKP tal-Ftehim il-ġdid, skont liema tiġi l-ewwel.
2. Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE għandhom jiġu applikati f'konformità mal-mira u l-għan tal-Artikolu 95(4) tiegħu.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-26 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/1346

tas-27 ta' Ġunju 2023

li taħtar membru u żewġ membri supplenti, proposti mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Taljan,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fl-20 ta' Jannar 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/102 ⁽²⁾, li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025. Fis-6 ta' Ottubru 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2021/1834 ⁽³⁾ li taħtar sitt membri u erba' membri supplenti, proposti mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġie propost għall-ħatra s-Sur Nicola ZINGARETTI sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġie propost għall-ħatra s-Sur Gaetano ARMAO u r-riżenja tas-Sur Christian SOLINAS saru vakanti s-siġġiet ta' żewġ membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (5) Il-Gvern Taljan ippropona lis-Sa Roberta ANGELILLI, rappreżentanta ta' korp reġjonali li għandha mandat elettorali ta' awtorità reġjonali, *Vicepresidente, Assessore e Consigliere della Regione Lazio* (Viċi President, Ministru Reġjonali tar-Reġjun ta' Lazio u Membru tal-Kunsill Reġjonali), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.
- (6) Il-Gvern Taljan ippropona r-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025: Is-Sur Luca Rosario Luigi SAMMARTINO, *Vicepresidente, Assessore e Consigliere della Regione Siciliana* (Viċi President, Ministru Reġjonali tar-Reġjun ta' Sqallija u Membru tal-Kunsill Reġjonali), u s-Sur Renato SCHIFANI, *Presidente e Consigliere della Regione Siciliana* (President tar-Reġjun ta' Sqallija u Membru tal-Kunsill Reġjonali),

⁽¹⁾ ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/102 tal-20 ta' Jannar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 20, 24.1.2020, p. 2).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1834 tas-6 ta' Ottubru 2021 li taħtar sitt membri u erba' membri supplenti, proposti mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 372, 20.10.2021, p. 11).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali li għandhom mandat elettorali huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

(a) bħala membru:

— Is-Sa Roberta ANGELILLI, *Vicepresidente, Assessore e Consigliere della Regione Lazio* (Viċi President, Ministru Reġjonali tar-Reġjun ta' Lazio u Membru tal-Kunsill Reġjonali),

u

(b) bħala membri supplenti:

— Is-Sur Luca Rosario Luigi SAMMARTINO, *Vicepresidente, Assessore e Consigliere della Regione Siciliana* (Viċi President, Ministru Reġjonali tar-Reġjun ta' Sqallija u Membru tal-Kunsill Reġjonali),

— Is-Sur Renato SCHIFANI, *Presidente e Consigliere della Regione Siciliana* (President tar-Reġjun ta' Sqallija u Membru tal-Kunsill Reġjonali).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-27 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
J. ROSWALL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/1347

tas-27 ta' Ġunju 2023

li taħtar membru supplenti, propost mir-Renju tan-Netherlands, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Netherlandiż,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettoralu ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157 ⁽²⁾, li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.
- (3) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Wilhelmina Johanna Gerarda DELISSEN-VAN TONGERLO, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Il-Gvern Netherlandiż ippropona lis-Sa Marina Caroline STARMANS-GELIJNS, rappreżentanta ta' korp lokali li hija politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *burgemeester van de gemeente Dongen* (Sindku tal-muniċipalitá ta' Dongen), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sa Marina Caroline STARMANS-GELIJNS, rappreżentanta ta' korp reġjonali li huwa politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *burgemeester van de gemeente Dongen* (Sindku tal-muniċipalitá ta' Dongen), hija b'dan maħtura bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-27 ta' Ġunju 2023,

Għall-Kunsill

Il-President

J. ROSWALL

⁽¹⁾ ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/1348

tas-27 ta' Ġunju 2023

li taħtar żewġ membri u membru supplenti, proposti mir-Repubblika Ċeka, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-proposti tal-Gvern Ċek,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġionali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġionali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157 ⁽²⁾, li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.
- (3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġie propost għall-ħatra s-Sur Dan JIRÁNEK u r-riżenja tas-Sur Tomáš MACURA saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġie propost għall-ħatra s-Sur Jan MAREŠ sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (5) Il-Gvern Ċek ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità lokali bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025: Is-Sa Dagmar ŠKODOVÁ PARMOVÁ, *Zastupitelka města České Budějovice* (Rappreżentanta tal-Belt ta' České Budějovice), u s-Sur Richard VEREŠ, *Zastupitel městské části Slezská Ostrava* (Rappreżentant tad-Distrett Muniċipali ta' Silesia Ostrava).
- (6) Il-Gvern Ċek ippropona lis-Sur Jaroslav ZÁMEČNÍK, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Zastupitel města Liberec* (Rappreżentant tal-Belt ta' Liberec), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

(a) bħala membri:

— Is-Sa Dagmar ŠKODOVÁ PARMOVÁ, *Zastupitelka města České Budějovice* (Rappreżentanta tal-Belt ta' České Budějovice),⁽¹⁾ ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

— Is-Sur Richard VEREŠ, *Zastupitel městské části Slezská Ostrava* (Rappreżentant tad-Distrett Muniċipali ta' Silesia Ostrava),

u

(b) bħala membru supplenti:

— Is-Sur Jaroslav ZÁMEČNÍK, *Zastupitel města Liberec* (Rappreżentant tal-Belt ta' Liberec).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-27 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
J. ROSWALL

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2023/1349**tat-28 ta' Ġunju 2023****li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (EUPOL COPPS/1/2023)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/354/PESK tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2013/354/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bil-għan li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS), inkluż id-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.
- (2) Fit-13 ta' Ottubru 2020, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1541 ⁽²⁾, li ħatret is-Sa Nataliya APOSTOLOVA bħala Kap tal-Missjoni ta' EUPOL COPPS mill-15 ta' Novembru 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021.
- (3) Fit-28 ta' Ġunju 2022, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1044 ⁽³⁾, li estendiet il-mandat tas-Sa Nataliya APOSTOLOVA bħala Kap tal-Missjoni ta' EUPOL COPPS mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2023.
- (4) Fis-26 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1302 ⁽⁴⁾, li testendi l-mandat ta' EUPOL COPPS mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024.
- (5) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona l-estensjoni tal-mandat tas-Sa Nataliya APOSTOLOVA bħala Kap tal-Missjoni ta' EUPOL COPPS mill-1 ta' Lulju 2023 sal-14 ta' Novembru 2023,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sa Nataliya APOSTOLOVA bħala Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) huwa b'dan estiż mill-1 ta' Lulju 2023 sal-14 ta' Novembru 2023.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2023.

⁽¹⁾ ĠU L 185, 4.7.2013, p. 12.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2020/1541 tat-13 ta' Ottubru 2020 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (EUPOL COPPS/1/2020) (ĠU L 353, 23.10.2020, p. 8).⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2022/1044 tal-28 ta' Ġunju 2022 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (EUPOL COPPS/1/2022) (ĠU L 173, 30.6.2022, p. 73).⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1302 tas-26 ta' Ġunju 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2013/354/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (ĠU L 161, 27.6.2023, p. 62).

Magħmul fi Brussell, t-28 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

D. PRONK

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2023/1350**tat-28 ta' Ġunju 2023****li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (EU BAM Rafah/1/2023)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/889/PESK tal-25 ta' Novembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 10(1) tal-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) hu awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċitar tal-kontroll politiku u tad-direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah), inkluż id-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.
- (2) Fit-13 ta' Ottubru 2020, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1548 ⁽²⁾, li ħatret lis-Sur Mihai-Florin BULGARIU bħala Kap tal-Missjoni ta' EU BAM Rafah mill-1 ta' Novembru 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021.
- (3) Fit-28 ta' Ġunju 2022, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1045 ⁽³⁾, li testendi l-mandat tas-Sur Mihai-Florin BULGARIU bħala l-Kap tal-Missjoni EU BAM Rafah mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2023.
- (4) Fis-26 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1303 ⁽⁴⁾, li testendi l-mandat ta' EU BAM Rafah mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024.
- (5) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona l-estensjoni tal-mandat tas-Sur Mihai-Florin BULGARIU bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EUBAM Rafah mill-1 ta' Lulju 2023 sal-31 ta' Ottubru 2023,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Mihai-Florin BULGARIU bħala Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) huwa b'dan estiż mill-1 ta' Lulju 2023 sal-31 ta' Ottubru 2023.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2023.

⁽¹⁾ ĠU L 327, 14.12.2005, p. 28.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2020/1548 tat-13 ta' Ottubru 2020 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (EU BAM Rafah/2/2020) (ĠU L 354, 26.10.2020, p. 5).⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2022/1045 tat-28 ta' Ġunju 2022 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (EU BAM Rafah/1/2022) (ĠU L 173, 30.6.2022, p. 75).⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1303 tas-26 ta' Ġunju 2023 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (ĠU L 161, 27.6.2023, p. 64).

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

D. PRONK

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/1351

tas-27 ta' Ġunju 2023

li taħtar membru propost mir-Repubblika Franċiża, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽¹⁾,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Franċiż,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettoralu ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fl-20 ta' Jannar 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/102 ⁽²⁾, li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.
- (3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat li abbażi tiegħu ġiet proposta għall-ħatra s-Sa Agnès LE BRUN, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Il-Gvern Franċiż ippropona lis-Sa Marie-Hélène HERRY, rappreżentanta ta' korp lokali li għandha mandat elettoralu ta' awtorità lokali, *Maire de Saint-Malo-de-Beignon (Morbihan)*, bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sa Marie-Hélène HERRY, rappreżentanta ta' korp lokali li għandha mandat elettoralu ta' awtorità lokali, *Maire de Saint-Malo-de-Beignon (Morbihan)*, hija b'dan maħtura bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-27 ta' Ġunju 2023.

*Għall-Kunsill**Il-President*

J. ROSWALL

⁽¹⁾ ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/102 tal-20 ta' Jannar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 20, 24.1.2020, p. 2).

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2023/1352**tat-30 ta' Ġunju 2023****li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (EUBAM Libya/1/2023)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/233/PESK tat-22 ta' Mejju 2013 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2013/233/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċitar tal-kontroll politiku u tad-direzzjoni strateġika tal-EUBAM Libya, inkluż id-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.
- (2) Fl-14 ta' Jannar 2021, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/59 ⁽²⁾, li taħtar lis-Sa Natalina CEA bħala Kap tal-Missjoni ta' EUBAM Libya mill-1 ta' Frar 2021 sat-30 ta' Ġunju 2021.
- (3) Fit-18 ta' Mejju 2022, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/846 ⁽³⁾, li testendi l-mandat tas-Sa Natalina CEA bħala l-Kap tal-Missjoni EUBAM Libya sat-30 ta' Ġunju 2023.
- (4) Fis-26 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1305 ⁽⁴⁾, li testendi l-mandat ta' EUBAM Libya sat-30 ta' Ġunju 2024.
- (5) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona li l-mandat tas-Sa Natalina CEA bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EUBAM Libya jiġi estiż mill-1 ta' Lulju 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sa Natalina CEA bħala l-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) huwa b'dan estiż mill-1 ta' Lulju 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023.

⁽¹⁾ ĠU L 138, 24.5.2013, p. 15.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2021/59 tal-14 ta' Jannar 2021 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (EUBAM Libya/1/2021) (ĠU L 26, 26.1.2021, p. 3).⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2022/846 tat-18 ta' Mejju 2022 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (EUBAM Libya/1/2022) (ĠU L 148, 31.5.2022, p. 38).⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1305 tas-26 ta' Ġunju 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2013/233/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (ĠU L 161, 27.6.2023, p. 68).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2023.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

D. PRONK

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1353**tat-30 ta' Ġunju 2023****li tistabbilixxi indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni biex jitkejjel il-progress fl-ilħuq tal-miri diġitali stabbiliti bl-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tagħha,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni (UE) 2022/2481, l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) għandhom jintużaw għall-monitoraġġ tal-progress tal-Unjoni fl-ilħuq tal-miri diġitali stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dik id-Deċiżjoni. Jenħtieġ li l-istess KPIs jintużaw biex jitkejlu x-xejriet sottostanti fil-livell nazzjonali. L-indikaturi fl-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjeta' Diġitali (DESI), kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (1) tad-Deċiżjoni (UE) 2022/2481, jenħtieġ li jinkludu l-KPIs stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Il-proċess li jintuża fid-DESI biex jiġu definiti l-indikaturi u tinġabar id-*data* jenħtieġ li jkun limitat b'din id-Deċiżjoni.
- (2) Il-KPIs stabbiliti f'din id-Deċiżjoni jirriflettu l-aqwa kejl possibbli tal-progress fl-ilħuq tal-miri diġitali stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 fil-mument tal-adozzjoni ta' dan l-att. Huma meħtieġa analiżi u verifika ulterjuri tal-mekkaniżmi tal-ġbir tad-*data* biex jiġi vvalutat jekk fil-futur dawn il-KPIs jenħtieġx li jiġu mmodifikati biex jirriflettu l-miri b'mod iktar komprensiv. B'mod partikolari, waħda mill-miri tal-konnettività stabbiliti fl-Artikolu 4(1), il-punt (2)(a) tad-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 għandha l-għan li tiżgura li ż-żoni popolati kollha jkunu koperti minn network ta' veloċità kbira mingħajr fili tal-ġenerazzjoni li jmiss bi prestazzjoni ekwivalenti mill-inqas għall-5G f'konformità mal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika. Il-KPI relatat f'din id-Deċiżjoni jippermetti li jsir il-monitoraġġ tal-progress favur tali kopertura b'kunsiderazzjoni tan-networks 5G. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li tali KPI ma jippermettix it-traċċar sħiħ tal-progress li jkun sar mill-Istati Membri fl-ilħuq tal-mira bl-użu ta' teknoloġiji oħra għajr il-5G. Il-KPI tabilħaqq ġie żviluppat mill-Kummissjoni abbażi tad-*data* disponibbli fil-mument tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Sabiex tindirizza din il-kwistjoni, il-Kummissjoni qed twettaq analiżi ulterjuri biex tirfina l-qafas tal-kejl għall-konnettività u biex tiddefinixxi KPI li jista' jitkejjel li jagħmilha possibbli li jiġu identifikati "networks ta' veloċità kbira bla fili tal-ġenerazzjoni li jmiss" bi prestazzjoni ekwivalenti mill-inqas għall-5G, inkluż f'kooperazzjoni mal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC). Barra minn hekk, hija meħtieġa iktar ħidma biex jiġu definiti KPIs li jistgħu jirriflettu b'mod iktar komprensiv il-miri stabbiliti fl-Artikolu 4(1), il-punti (2)(a), (2)(b) u (2)(c) tad-Deċiżjoni (UE) 2022/2481, fir-rigward tal-konnettività tal-gigabits, il-produzzjoni, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni dwar is-sostenibbiltà ambjentali, ta' semikondutturi tal-ogħla livell u ta' nodi periferiċi siguri ħafna b'impatt newtrali fuq il-klima. Ix-xogħol dwar il-KPI li jkejjel il-konnettività tal-gigabits se jsir b'kooperazzjoni mal-BEREC.
- (3) Il-KPIs se jkollhom bżonn ukoll jiġu aġġustati jew immodifikati, meta jkun meħtieġ, fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi, jew tal-bidliet soċjoekonomiċi, kif ukoll biex jirriflettu l-bidliet possibbli tal-miri stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni (UE) 2022/2481.
- (4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar id-Deċennju Diġitali stabbilit bl-Artikolu 23(1) tad-Deċiżjoni (UE) 2022/2481.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) li abbażi tagħhom l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom ikejlu l-progress fl-ilħuq tal-miri diġitali stabbiliti bl-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni (UE) 2022/2481.

⁽¹⁾ ĠU L 323, 19.12.2022, p. 4.

Artikolu 2

Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni

1. Il-KPIs li ġejjin għandhom jintużaw biex jitkejjel il-progress fl-ilħuq tal-miri diġitali stabbiliti fl-Artikolu 4(1) tad-Deċizzjoni (UE) 2022/2481:

- (1) Mill-inqas il-ħiliet diġitali bażiċi, imkejla bħala l-perċentwal ta' individwi ta' bejn 16 u 74 sena diżaggregati skont il-ġeneru b'ħiliet diġitali "bażiċi" jew "iktar minn bażiċi" f'kull waħda mill-ħames dimensjonijiet li ġejjin: ħiliet relatati mal-informazzjoni, mal-komunikazzjoni, mas-soluzzjoni tal-problemi, mal-ħolqien ta' kontenut diġitali u mas-sikurezza. Dan jitkejjel abbażi tal-attivitajiet li l-individwi jkunu wettqu matul it-tliet xhur preċedenti ⁽⁷⁾; u l-konverġenza bejn il-ġeneri, imkejla bħala l-perċentwal ta' nisa u rġiel fost dawk l-individwi b'ħiliet diġitali "bażiċi" jew "iktar minn bażiċi".
- (2) Speċjalisti tal-ICT, imkejla bħala n-numru ta' individwi ta' bejn 15 u 74 sena li jkunu impjegati bħala speċjalisti tal-ICT; u l-konverġenza bejn il-ġeneri, imkejla bħala l-perċentwal ta' nisa u rġiel fost dawk l-individwi li jkunu impjegati bħala speċjalisti tal-ICT. F'konformità mal-klassifika tal-kodiċijiet ISCO-08 ⁽⁸⁾, l-ispeċjalisti tal-ICT huma ħaddiema li għandhom il-kapaċità li jżviluppaw, iħaddmu u jieħdu ħsieb il-manutenzjoni tas-sistemi tal-ICT, u li għalihom l-ICT tikkostitwixxi l-parti ewlenija tal-impjieg tagħhom, inkluż iżda mhux limitat għall-manijers tas-servizzi tal-ICT, il-professionisti tal-ICT, it-tekniki tal-ICT, l-installaturi tal-ICT u dawk li jieħdu ħsieb il-manutenzjoni tal-ICT.
- (3) Il-konnettività tal-gigabits, imkejla bħala l-perċentwal ta' unitajiet domestiċi koperti b'Networks fissi b'Kapaċità Għolja Ħafna (VHCN). It-teknoloġiji meqjusa huma dawk li attwalment kapaċi jipprovdu konnettività tal-gigabits, jiġifieri l-Fibra sal-Binjiet u d-DOCSIS ⁽⁹⁾ bil-Kejbil 3.1 ⁽⁷⁾. L-evoluzzjoni tal-kopertura tal-Fibra sal-Binjiet se tiġi mmonitorjata wkoll separatament u se titqies fl-interpretazzjoni tad-*data* tal-kopertura bil-VHCN.
- (4) Kopertura 5G, imkejla bħala l-perċentwal taż-żoni popolati koperti b'mill-inqas network 5G wieħed, irrispettivament mill-banda tal-ispettru użata.
- (5) Is-semikondutturi, imkejla bħala valur iġġenerat, f'termini ta' dħul, permezz ta' attivitajiet tas-semikondutturi fl-Unjoni, fl-istadji kollha tal-katina tal-valur, fir-rigward tal-valur tas-suq globali. Għall-ewwel sena, ir-rapportar se jsir abbażi ta' dawk l-attivitajiet fl-Ewropa.
- (6) In-nodi periferiċi, imkejla bħala n-numru ta' nodi tal-komputazzjoni li jipprovdu latenzi taħt l-20 millisekonda; bħal server individwali jew sett ieħor ta' riżorsi konnessi tal-computing, imħaddma bħala parti minn infrastruttura tal-edge computing, tipikament residenti f'ċentru tad-*data* tal-edge computing li jopera fil-periferija tal-infrastruttura, u għalhekk ikun fiżikament eqreb l-utenti maħsuba tiegħu minn nodu tal-cloud f'ċentru tad-*data* ċentralizzat.
- (7) Il-computing kwantistiku mkejjejl bħala n-numru ta' kompjuters kwantistiċi jew simulaturi kwantistiċi, inkluż l-aċċelleraturi tas-supercomputers tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja, użati u aċċessibbli għall-komunitajiet tal-utenti.
- (8) Il-cloud computing, imkejjejl bħala l-perċentwal ta' impriżi li jużaw mill-inqas wieħed mis-servizzi tal-cloud computing li ġejjin: applikazzjonijiet tas-software tal-finanzi jew tal-kontabbiltà, applikazzjonijiet tas-software tal-ippjanar tar-riżorsi għall-impriżi (ERP), applikazzjonijiet tas-software tal-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-klijenti (CRM), applikazzjonijiet tas-software tas-sigurtà, li jospitaw il-bażi(jiet) tad-*data* tal-impriża, u pjattaforma tal-computing li tipprovdi ambjent ospitat għall-iżvilupp, għall-ittestjar jew għall-użu tal-applikazzjonijiet ⁽⁶⁾.

⁽⁷⁾ Definit skont il-metodoloġija tal-Eurostat li tirrifletti l-Qafas tal-Kompetenza Diġitali (DIGCOMP 2,0), kif stabbilit ukoll fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1399 tal-1 ta' Awwissu 2022 li jispeċifika l-elementi tekniċi tas-sett tad-*data*, li jstabbilixxi l-formati tekniċi għat-trażmissjoni tal-informazzjoni u li jispeċifika l-arranġamenti u l-kontenut tar-rapporti tal-kwalità dwar l-organizzazzjoni ta' sħarriġ kampjun fl-użu tad-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2023 f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

⁽⁸⁾ Il-Klassifika Internazzjonali Standard tal-Impjiegi tal-2008.

⁽⁹⁾ Speċifikazzjoni tal-Interfaċċa tas-Servizz tad-*Data* bil-Kejbil

⁽⁶⁾ Minbarra l-analiżi bbażata fuq il-KPIs, kif definit f'din id-Deċizzjoni, l-Istati Membri jistgħu jippreżentaw, fil-pjanijiet direzzjonali nazzjonali tagħhom, *data* komplementari rigward it-teknoloġiji fissi, bil-fili u mingħajr fili li jstgħu jipprovdu l-konnettività tal-gigabits.

⁽⁶⁾ Kif definit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1344 tal-1 ta' Awwissu 2022 li jstabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tar-rekwiżiti tad-*data* għas-suġġett "użu tal-ICT u kummerċ elettroniku" għas-sena ta' referenza 2023, u fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni sussegwenti skont ir-Regolament (UE) 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 202, 2.8.2022, p. 18), b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 17(6) tiegħu.

- (9) Il-big data, imkejla bħala l-perċentwal tal-impriżi li janalizzaw il-big data minn kwalunkwe sors tad-*data* (intern jew estern) ⁽⁷⁾. Mir-rapport tal-2024, il-big data se titkejje bil-perċentwal tal-impriżi li jwettqu l-analitika tad-*data* (internament jew esternament).
- (10) L-intelliġenza artifiċjali, imkejla bħala l-perċentwal tal-impriżi li jużaw mill-inqas teknoloġija waħda tal-intelliġenza artifiċjali ⁽⁸⁾.
- (11) SMEs b'mill-inqas livell bażiku ta' intensità diġitali, imkejla bħala l-perċentwal ta' SMEs li jużaw mill-inqas erbgħa minn 12-il teknoloġija diġitali magħżula ⁽⁹⁾.
- (12) Unicorns, imkejla bħala l-għadd totali tal-unicorns imsemmija fl-Artikolu 2, il-punt (11)(a), tad-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 u dawk imsemmija fl-Artikolu 2, il-punt (11)(b), ta' dik id-Deċiżjoni.
- (13) Il-forniment online ta' servizzi pubbliċi ewlenin għaċ-ċittadini, imkejje bħala s-sehem tal-passi amministrattivi li jstgħu jsiru kompletament online għal avvenimenti ewlenin tal-ħajja. Jiġu kkunsidrati l-avvenimenti tal-ħajja li ġejjin: iċ-ċaqliq; it-trasport; il-ftuħ ta' proċedura għal talbiet żgħar; il-familja; il-karriera; l-istudju; is-saħħa.
- (14) Il-forniment online ta' servizzi pubbliċi ewlenin għan-negozji, imkejje bħala s-sehem tal-passi amministrattivi meħtieġa biex jinbeda negozju u jitwettqu operazzjonijiet regolari tan-negozju, li jstgħu jsiru kompletament online.
- (15) L-aċċess għar-rekords elettroniċi tas-saħħa, imkejla bħala: (i) id-disponibbiltà madwar il-pajjiż kollu ta' servizzi ta' aċċess online għaċ-ċittadini għad-*data* tar-rekords elettroniċi tas-saħħa tagħhom (permezz ta' portal tal-pazjenti, jew applikazzjoni għall-apparati mobbli tal-pazjenti) b'miżuri addizzjonali fis-seħħ li jippermettu lil ċerti kategoriji ta' persuni (eż. il-kustodji għat-tfal, il-persuni b'diżabbiltà, l-anzjani) jaċċessaw ukoll id-*data* tagħhom, u (ii) il-perċentwal ta' individwi li għandhom il-kapaċità li jiksbu jew li jagħmlu użu mis-sett minimu tagħhom stess ta' *data* relatata mas-saħħa attwalment maħżuna f'sistemi pubbliċi u privati ta' rekords elettroniċi tas-saħħa (EHR).
- (16) L-aċċess għall-eID, imkejje b'żewġ KPIs: (1) bħala n-numru ta' Stati Membri li nnotifikaw mill-inqas skema nazzjonali waħda ta' eID f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 910/2014 u (2) bħala n-numru ta' Stati Membri li pprovdew aċċess għat-titjib sigur tal-privatezza tal-eID permezz tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali f'konformità mal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward tal-istabbiliment ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea ⁽¹⁰⁾.

2. Il-KPIs stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 16 għandhom ikunu bbażati fuq is-sorsi tad-*data* indikati fl-Anness.

3. Il-KPIs stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 16 għandhom jiġu inklużi fost l-indikaturi mmonitorjati fil-qafas tal-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (DESI).

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽⁷⁾ Kif definit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/1910 tas-7 ta' Novembru 2019 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistiċi tal-Komunità dwar is-soċjetà tal-informazzjoni għas-sena ta' referenza 2020 (ĠU L 296, 15.11.2019, p. 1), u r-regolamenti ta' implimentazzjoni sussegwenti skont ir-Regolament (UE) 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 1), b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 17(6) tiegħu.

⁽⁸⁾ *Idem* 5.

⁽⁹⁾ Kif definit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1190 tal-15 ta' Lulju 2021 li jstabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tar-rekwiżiti tad-*data* għas-suġġett "użu tal-ICT u kummerċ elettroniku" għas-sena ta' referenza 2022, u fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni sussegwenti skont ir-Regolament (UE) 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 258, 20.7.2021, p. 28), b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 17(6) tiegħu.

⁽¹⁰⁾ COM/2021/281 final.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

Sorsi għall-ġbir tad-*data* dwar l-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni

Il-Ħiliet Diġitali Bażiċi	Eurostat – Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar l-użu tal-ICTs fl-Unitajiet Domestiċi u mill-Individwi.
L-ispeċjalisti tal-ICT	Eurostat – Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol.
Il-konnettività tal-gigabits	Fornitur kummerċjali li jfassal studju għall-Kummissjoni, abbażi tad- <i>data</i> tal-Istati Membri, fejn tkun disponibbli
Il-kopertura 5G	Fornitur kummerċjali li jfassal studju għall-Kummissjoni, abbażi tad- <i>data</i> tal-Istati Membri, fejn tkun disponibbli
Is-semikondutturi	Forniment tad- <i>data</i> disponibbli pubblikament/b'abbonament
In-nodi periferiċi	Fornitur kummerċjali li jipprovdi studju għall-Kummissjoni
Il-computing kwantistiku	Forniment tad- <i>data</i> disponibbli pubblikament/b'abbonament
Il-cloud computing	Eurostat – Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar l-użu tal-ICT u l-kummerċ elettroniku fl-impriżi.
Il-big data	Eurostat – Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar l-użu tal-ICT u l-kummerċ elettroniku fl-impriżi.
L-Intelliġenza Artifiċjali	Eurostat – Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar l-użu tal-ICT u l-kummerċ elettroniku fl-impriżi.
SMEs li jkollhom mill-inqas livell bażiku ta' intensità diġitali	Eurostat – Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar l-użu tal-ICT u l-kummerċ elettroniku fl-impriżi.
Il-unicorns	Forniment tad- <i>data</i> b'abbonament
Il-forniment online ta' servizzi pubbliċi ewlenin għaċ-ċittadini u għan-negozji	Fornitur kummerċjali li jipprovdi studju għall-Kummissjoni
L-aċċess għar-rekords elettroniċi tas-saħħa	Fornitur kummerċjali li jipprovdi studju għall-Kummissjoni
L-aċċess għall-eID	Is-servizzi tal-Kummissjoni

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)